Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B **REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/605**

tas-7 ta' April 2021

li jistabbilixxi miżuri ta' kontroll speċjali għad-deni Afrikan tal-ħnieżer

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 129, 15.4.2021, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/623 tal-15 ta' April 2021	L 131	137	16.4.2021
►M2	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/687 tas-26 ta' April 2021	L 143	11	27.4.2021
►M3	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/811 tal-20 ta' Mejju 2021	L 180	114	21.5.2021
►M4	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/902 tat-3 ta' Ġunju 2021	L 197	76	4.6.2021
►M5	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/952 tal-11 ta' Ġunju 2021	L 209	95	14.6.2021
►M6	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/994 tat-18 ta' Ġunju 2021	L 219	1	21.6.2021
►M7	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1090 tat-2 ta' Lulju 2021	L 236	10	5.7.2021
►M8	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1141 tat-12 ta' Lulju 2021	L 247	55	13.7.2021
►M9	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1205 tal-20 ta' Lulju 2021	L 261	8	22.7.2021
►M10	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1268 tad-29 ta' Lulju 2021	L 277	99	2.8.2021
►M11	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1371 tas-16 ta' Awwissu 2021	L 294	14	17.8.2021
►M12	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1453 tat-3 ta' Settembru 2021	L 313	35	6.9.2021
►M13	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1714 tal-24 ta' Settembru 2021	L 342	5	27.9.2021
►M14	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1794 tat-8 ta' Ottubru 2021	L 361	4	12.10.2021
►M15	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1850 tal-21 ta' Ottubru 2021	L 374	12	22.10.2021
►M16	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1907 tat-3 ta' Novembru 2021	L 390	1	4.11.2021
►M17	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2024 tat-18 ta' Novembru 2021	L 411	3	19.11.2021
►M18	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2110 tat-30 ta' Novembru 2021	L 429	108	1.12.2021
►M19	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2249 tas-16 ta' Diċembru 2021	L 453	48	17.12.2021
►M20	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2308 tal-22 ta' Diċembru 2021	L 461	40	27.12.2021
►M21	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/65 tas-17 ta' Jannar 2022	L 11	13	18.1.2022

▼B

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/605

tas-7 ta' April 2021

li jistabbilixxi miżuri ta' kontroll speċjali għad-deni Afrikan tal-ħnieżer

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

KAPITOLU I

SUĠĠETT, KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli dwar:

(a) miżuri speċjali ta' kontroll tal-mard rigward id-deni Afrikan tal-ħnieżer li jridu jiġu applikati għal perjodu ta' żmien limitat mill-Istati Membri ([1]) li għandhom żoni ristretti I, II jew III elenkati fl-Anness I (l-Istati Membri kkonċernati).

Dawn il-miżuri speċjali ta' kontroll tal-mard japplikaw għall-annimali porċini miżmuma u selvaġġi u għall-prodotti miksuba mill-annimali porċini flimkien mal-miżuri li japplikaw fiż-żoni ta' protezzjoni, fiż-żoni tas-sorveljanza, f'żoni ristretti oħrajn u fiż-żoni infettati stabbiliti mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat f'konformità mal-Artikoli 21(1) u 63 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687.

(b) miżuri speċjali ta' kontroll tal-mard rigward id-deni Afrikan tal-ħnieżer li għandhom jiġu applikati għal perjodu ta' żmien limitat mill-Istati Membri kollha.

2. Dan ir-Regolament japplika:

(a) għall-movimenti ta' kunsinni ta':

(i) annimali porċini miżmuma fi stabbilimenti li jinsabu fiż-żoni ristretti I, II u III barra minn dawk iż-żoni;

(ii) prodotti ġerminali, prodotti ta' oriġini mill-annimali u prodotti sekondarji mill-annimali miksuba minn annimali porċini miżmuma msemmija fil-punt (a)(i);

(b) għall-movimenti ta':

(i) kunsinni ta' annimali porċini selvaġġi fl-Istati Membri kollha;

(ii) kunsinni u movimenti għall-użu privat minn kaċċaturi ta' prodotti ta' oriġini mill-annimali u prodotti sekondarji mill-annimali miksubin minn ħnieżer selvaġġi fiż-żoni ristretti I, II u III jew ipproċessati fi stabbilimenti li jinsabu fiż-żoni ristretti I, II u III;

([1]) F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, ir-referenzi għall-Istati Membri jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

▼B

(c) operaturi tan-negozji tal-ikel li jimmaniġġjaw il-kunsinni msemmija fil-punti (a) u (b);

(d) l-Istati Membri kollha fir-rigward tas-sensibilizzazzjoni dwar id-deni Afrikan tal-ħnieżer.

3. Ir-regoli msemmija fil-paragrafu 1 ikopru dan li ġej:

(a) Il-Kapitolu II jistabbilixxi regoli speċjali għall-istabbiliment taż-żoni ristretti I, II u III fil-każ ta' tifqigħa tad-deni Afrikan tal-ħnieżer u l-applikazzjoni ta' miżuri speċjali ta' kontroll tal-mard fl-Istati Membri kollha;

(b) Il-Kapitolu III jistabbilixxi miżuri speċjali ta' kontroll tal-mard applikabbli għal kunsinni ta' annimali porċini miżmuma fiż-żoni ristretti I, II u III u għall-prodotti miksuba minnhom fl-Istati Membri kkonċernati;

(c) Il-Kapitolu IV jistabbilixxi miżuri speċjali ta' mitigazzjoni tar-riskju li jikkonċernaw id-deni Afrikan tal-ħnieżer għan-negozji tal-ikel fl-Istati Membri kkonċernati;

(d) Il-Kapitolu V jistabbilixxi miżuri speċjali ta' kontroll tal-mard applikabbli għall-annimali porċini selvaġġi fl-Istati Membri;

(e) Il-Kapitolu VI jistabbilixxi obbligi speċjali ta' informazzjoni u taħriġ fl-Istati Membri;

(f) Il-Kapitolu VII jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet finali.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet stipulati fir-Regolament Delegat (UE) 2020/687.

Barra minn hekk, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "annimal porċin" tfisser annimal tal-ispeċi ta' ungulati tal-familja *Suidae* elenkata fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2016/429;

(b) "prodotti ġerminali" tfisser semen, ooċiti u embrijuni porċini miksuba minn annimali porċini miżmuma għar-riproduzzjoni artifiċjali;

(c) "żona ristretta I" tfisser żona ta' Stat Membru elenkata fil-Parti I tal-Anness I b'delimitazzjoni ġeografika preċiża soġġetta għal miżuri speċjali ta' kontroll tal-mard u fil-fruntiera taż-żoni ristretti II jew III;

(d) "żona ristretta II" tfisser żona ta' Stat Membru elenkata fil-Parti II tal-Anness I b'delimitazzjoni ġeografika preċiża soġġetta għal miżuri speċjali ta' kontroll tal-mard;

▼B

(e) “żona ristretta III” tfisser żona ta’ Stat Membru elenkata fil-Parti III tal-Anness I b’delimitazzjoni ġeografika preċiża soġġetta għal miżuri speċjali ta’ kontroll tal-mard;

(f) “Stat Membru li qabel kien ħieles mill-mard” tfisser Stat Membru, fejn id-deni Afrikan tal-ħnieżer ma ġiex ikkonfermat f’annimali porċini miżmuma matul il-perjodu preċedenti ta’ tnax-il xahar;

(g) “materjali tal-Kategorija 2” tfisser prodotti sekondarji tal-annimali msemmija fl-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 miksuba minn annimali porċini miżmuma;

(h) “materjali tal-Kategorija 3” tfisser prodotti sekondarji tal-annimali msemmija fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 miksuba minn annimali porċini miżmuma.

KAPITOLU II

REGOLI SPEĊJALI GĦALL-ISTABBILIMENT TAŻ-ŻONI RISTRETTI I, II U III FIL-KAŻ TA’ TIFQIGĦA TAD-DENI AFRIKAN TAL-ĦNIEŻER U L-APPLIKAZZJONI TA’ MIŻURI SPEĊJALI TA’ KONTROLL TAL-MARD FL-ISTATI MEMBRI KOLLHA

Artikolu 3

Regoli speċjali għall-istabbiliment ta’ żoni ristretti u infettati fil-każ ta’ tifqigħa tad-deni Afrikan tal-ħnieżer

Fil-każ ta’ tifqigħa tad-deni Afrikan tal-ħnieżer f’annimali porċini miżmuma jew selvaġġi, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru għandha tistabbilixxi jew:

(a) f’każ ta’ tifqigħa f’annimali porċini miżmuma, żona ristretta skont l-Artikolu 21(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f’dak l-Artikolu; jew

(b) f’każ ta’ tifqigħa f’annimali porċini selvaġġi, żona infettata skont l-Artikolu 63 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687.

Artikolu 4

Regoli speċjali għall-istabbiliment ta’ żona ristretta addizzjonali fil-każ ta’ tifqigħa tad-deni Afrikan tal-ħnieżer f’annimali porċini miżmuma jew selvaġġi

1. Fil-każ ta’ tifqigħa tad-deni Afrikan tal-ħnieżer f’annimali porċini miżmuma jew selvaġġi, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tista’ tistabbilixxi, abbażi tal-kriterji u l-prinċipji għad-demarkazzjoni ġeografika taż-żoni ristretti stabbiliti fl-Artikolu 64(1) tar-Regolament (UE) 2016/429, żona ristretta addizzjonali li tmiss maż-żona ristretta stabbilita jew maż-żona infettata msemmija fl-Artikolu 3 ta’ dan ir-Regolament u li tiddemarka dawk iż-żoni minn żoni mhux ristretti.

2. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandha tiżgura li ż-żona ristretta addizzjonali msemmija fil-paragrafu 1 tikkorrispondi maż-żona ristretta I elenkata fil-Parti I tal-Anness I skont l-Artikolu 5.

▼B

Artikolu 5

Regoli speċjali għall-elenkar taż-żoni ristretti I fil-każ ta' tifqigħa tad-deni Afrikan tal-ħnieżer f'annimali porċini miżmuma jew selvaġġi f'żona ta' Stat Membru li għandu fruntiera ma' żona fejn ma tkun ġiet ikkonfermata uffiċjalment l-ebda tifqigħa tad-deni Afrikan tal-ħnieżer

1. Wara tifqigħa tad-deni Afrikan tal-ħnieżer f'annimali porċini miżmuma jew selvaġġi f'żona tal-Istat Membru, li tmiss ma' żona fejn ma tkun ġiet ikkonfermata uffiċjalment l-ebda tifqigħa tad-deni Afrikan tal-ħnieżer f'annimali porċini miżmuma jew selvaġġi, dik iż-żona fejn ma ġiet ikkonfermata l-ebda tifqigħa għandha tiġi elenkata, jekk jeħtieġ, fil-Parti I tal-Anness I bħala żona ristretta I.

2. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandha tiżgura li wara l-elenkar ta' żona fil-Parti I tal-Anness I bħala żona ristretta I, żona ristretta addizzjonali stabbilita skont l-Artikolu 64(1) tar-Regolament (UE) 2016/429 tkun aġġustata mingħajr dewmien biex tinkludi mill-inqas iż-żona ristretta I rilevanti elenkata fl-Anness I għal dak l-Istat Membru.

3. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru għandha tistabbilixxi mingħajr dewmien iż-żona ristretta addizzjonali rilevanti skont l-Artikolu 64(1) tar-Regolament (UE) 2016/429, jekk iż-żona ristretta I tkun ġiet elenkata fl-Anness I.

Artikolu 6

Regoli speċjali għall-elenkar taż-żoni ristretti II fil-każ ta' tifqigħa tad-deni Afrikan tal-ħnieżer f'annimali porċini selvaġġi fi Stat Membru

1. Wara tifqigħa tad-deni Afrikan tal-ħnieżer f'annimali porċini selvaġġi f'żona ta' Stat Membru, dik iż-żona għandha tiġi elenkata bħala żona ristretta II fil-Parti II tal-Anness I.

2. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandha tiżgura li ż-żona infettata stabbilita skont l-Artikolu 63 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 tiġi aġġustata mingħajr dewmien biex tinkludi mill-inqas iż-żona ristretta II rilevanti elenkata fl-Anness I ta' dan ir-Regolament għal dak l-Istat Membru.

Artikolu 7

Regoli speċjali għall-elenkar taż-żoni ristretti III fil-każ ta' tifqigħa tad-deni Afrikan tal-ħnieżer f'annimali porċini miżmuma fl-Istat Membru

1. Wara tifqigħa tad-deni Afrikan tal-ħnieżer f'annimali porċini miżmuma f'żona ta' Stat Membru, dik iż-żona għandha tiġi elenkata bħala żona ristretta III fil-Parti III tal-Anness I.

Madankollu, meta tkun ġiet ikkonfermata l-ewwel u l-unika tifqigħa biss tad-deni Afrikan tal-ħnieżer f'annimali porċini miżmuma f'żona ta' Stat Membru li qabel kien ħieles mill-mard, dik iż-żona ma għandhiex tiġi elenkata bħala żona ristretta III fil-Parti III tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

▼B

2. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandha tiżgura li ż-żona ristretta stabbilita skont l-Artikolu 21(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 tiġi aġġustata mingħajr dewmien biex tinkludi mill-inqas iż-żona ristretta III rilevanti elenkata fl-Anness I ta' dan ir-Regolament għal dak l-Istat Membru.

Artikolu 8

Applikazzjoni ġenerali ta' miżuri speċjali ta' kontroll tal-mard fiż-żoni ristretti I, II u III

L-Istati Membri kkonċernati għandhom japplikaw il-miżuri speċjali ta' kontroll tal-mard stabbiliti f'dan ir-Regolament fiż-żoni ristretti I, II u III flimkien mal-miżuri ta' kontroll tal-mard li għandhom jiġu applikati skont ir-Regolament Delegat (UE) 2020/687 f':

(a) żoni ristretti stabbiliti skont l-Artikolu 21(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687;

(b) żoni infettati stabbiliti skont l-Artikolu 63 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687.

KAPITOLU III

MIŻURI SPEĊJALI TA' KONTROLL TAL-MARD APPLIKABBLI GĦAL KUNSINNI TA' ANNIMALI PORĊINI MIŻMUMA FIŻ-ŻONI RISTRETTI I, II U III U GĦALL-PRODOTTI MIKSUBA MINNHOM FL-ISTATI MEMBRI KKONĊERNATI

TAQSIMA 1

Applikazzjoni ta' projbizzjonijiet speċifiċi fuq kunsinni ta' annimali porċini miżmuma u l-prodotti tagħhom fl-Istati Membri kkonċernati

Artikolu 9

Projbizzjonijiet speċifiċi fir-rigward tal-movimenti ta' kunsinni ta' annimali porċini miżmuma fiż-żoni ristretti I, II u III barra minn dawk iż-żoni

1. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandha tipprojbixxi l-movimenti ta' kunsinni ta' annimali porċini miżmuma fiż-żoni ristretti I, II u III barra minn dawk iż-żoni.

2. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat tista' tiddeċiedi li l-projbizzjoni prevista fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għal movimenti ta' kunsinni ta' annimali porċini miżmuma fiż-żona ristretta I għal stabbilimenti li jinsabu f'żoni ristretti I, II u III oħrajn jew barra minn dawk iż-żoni sakemm l-istabbiliment tad-destinazzjoni jkun jinsab fit-territorju tal-istess Stat Membru kkonċernat.

Artikolu 10

Projbizzjonijiet speċifiċi fir-rigward tal-movimenti ta' kunsinni ta' prodotti ġerminali miksuba minn annimali porċini miżmuma fiż-żoni ristretti II u III barra minn dawk iż-żoni

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandha tipprojbixxi l-movimenti ta' kunsinni ta' prodotti ġerminali miksuba minn annimali porċini miżmuma fiż-żoni ristretti II u III barra minn dawk iż-żoni.

▼B

Artikolu 11

Projbizzjonijiet speċifiċi fir-rigward tal-movimenti ta' kunsinni ta' prodotti sekondarji tal-annimali miksuba minn annimali porċini miżmuma fiż-żoni ristretti II u III barra minn dawk iż-żoni

1. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandha tipprojbixxi l-movimenti ta' kunsinni ta' prodotti sekondarji tal-annimali miksuba minn annimali porċini miżmuma fiż-żoni ristretti II u III barra minn dawk iż-żoni.

2. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat tista' tiddeċiedi li l-projbizzjoni prevista fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għal prodotti sekondarji tal-annimali miksubin minn annimali porċini miżmuma barra ż-żoni ristretti II u III u maqtula f'biċċeriji li jinsabu fiż-żoni ristretti II u III sakemm ikun hemm separazzjoni ċara ta' dawk il-prodotti sekondarji tal-annimali fl-istabbilimenti u matul it-trasport minn prodotti sekondarji tal-annimali miksuba minn annimali porċini miżmuma fiż-żoni ristretti II u III.

Artikolu 12

Projbizzjonijiet speċifiċi fir-rigward tal-movimenti ta' kunsinni ta' laħam frisk u ta' prodotti tal-laħam, inkluż il-ġlud, miksuba minn annimali porċini miżmuma fiż-żoni ristretti II u III barra minn dawk iż-żoni

1. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandha tipprojbixxi l-movimenti ta' kunsinni ta' laħam frisk u ta' prodotti tal-laħam, inklużi l-ġlud, miksuba minn annimali porċini miżmuma fiż-żoni ristretti II u III barra minn dawk iż-żoni.

2. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat tista' tiddeċiedi li l-projbizzjoni prevista fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għall-prodotti tal-laħam, inkluż il-ġlud, miksuba minn annimali porċini miżmuma fiż-żoni II u III ristretti, li jkunu għaddew mit-trattament rilevanti skont l-Anness VII tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, fir-rigward tad-deni Afrikan tal-ħnieżer, fi stabbilimenti maħtura skont l-Artikolu 41(1) ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 13

Projbizzjonijiet ġenerali fir-rigward tal-movimenti ta' kunsinni ta' annimali porċini miżmuma u l-prodotti tagħhom meqjusin bħala riskju ta' tixrid tad-deni Afrikan tal-ħnieżer

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat tista' tipprojbixxi, fit-territorju tal-istess Stat Membru, il-movimenti ta' kunsinni ta' annimali porċini miżmuma u prodotti miksuba minn annimali porċini miżmuma jekk l-awtorità kompetenti tqis li hemm riskju għat-tixrid tad-deni Afrikan tal-ħnieżer lejn, minn jew permezz ta' dawk l-annimali porċini miżmuma jew prodotti tagħhom.

▼B

TAQSIMA 2

Kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi għal derogi li jawtorizzaw il-movimenti ta' kunsinni ta' annimali porċini miżmuma fiż-żoni ristretti i, ii u iii barra minn dawk iż-żoni

Artikolu 14

Kundizzjonijiet ġenerali għal derogi minn projbizzjonijiet speċifiċi fir-rigward tal-movimenti ta' kunsinni ta' annimali porċini miżmuma fiż-żoni ristretti I, II u III barra minn dawk iż-żoni

1. B'deroga mill-projbizzjonijiet speċifiċi previsti fl-Artikolu 9(1), l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat tista' tawtorizza movimenti ta' kunsinni ta' annimali porċini li jinżammu fiż-żoni ristretti I, II u III barra minn dawk iż-żoni fil-każijiet koperti mill-Artikoli 22, 23, 24, 25, 28 u 29 u skont il-kundizzjonijiet speċifiċi previsti f'dawk l-Artikoli, u:

(a) il-kundizzjonijiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 28(2) sa (7) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687; u

(b) il-kundizzjonijiet ġenerali addizzjonali li jikkonċernaw:

(i) movimenti ta' kunsinni ta' annimali porċini miżmuma miż-żoni ristretti I, II u III stabbiliti fl-Artikolu 15;

(ii) stabbilimenti għal annimali porċini miżmuma li jinsabu fiż-żoni ristretti I, II u III stabbiliti fl-Artikolu 16;

(iii) il-mezzi tat-trasport użati għat-trasport ta' annimali porċini miżmuma miż-żoni ristretti I, II u III stabbiliti fl-Artikolu 17.

2. Qabel ma tagħti l-awtorizzazzjonijiet previsti fl-Artikoli 22 sa 25 u 28 sa 30, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandha tivvaluta r-riskji li jirriżultaw minn tali awtorizzazzjonijiet u dik il-valutazzjoni għandha tindika li r-riskju tat-tixrid tad-deni Afrikan tal-ħnieżer huwa negliġibbli.

3. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat tista' tiddeċiedi li l-kundizzjonijiet ġenerali addizzjonali msemmija fl-Artikoli 15 u 16 ma għandhomx japplikaw għal movimenti ta' kunsinni ta' annimali porċini miżmuma f'biċċeriji li jinsabu fiż-żoni ristretti I, II u III sakemm:

(a) l-annimali porċini miżmuma jridu jinġarru lejn biċċerija oħra minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali, bħal ħsara kbira fil-biċċerija;

(b) il-biċċerija tad-destinazzjoni tinsab jew:

(i) fiż-żoni ristretti I, II jew III tal-istess Stat Membru; jew

(ii) f'ċirkostanzi eċċezzjonali, bħan-nuqqas tal-biċċeriji msemmija fil-punt (b)(i), barra miż-żoni ristretti I, II jew III fit-territorju tal-istess Stat Membru;

(c) il-moviment huwa awtorizzat mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat.

▼B

Artikolu 15

Kundizzjonijiet ġenerali addizzjonali relatati mal-movimenti ta' kunsinni ta' annimali porċini miżmuma fiż-żoni ristretti I, II u III barra minn dawk iż-żoni

1. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandha tawtorizza l-movimenti ta' annimali porċini miżmuma fiż-żoni ristretti I, II u III barra minn dawk iż-żoni fil-każijiet koperti mill-Artikoli 22 sa 25 u 28 sa 30 taħt il-kundizzjonijiet speċifiċi previsti f'dawk l-Artikoli sakemm:

(a) l-annimali porċini jkunu nżammu fl-istabbiliment tad-dispaċċ u ma jkunux inħarġu minnu għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-moviment, jew minn twelidhom, jekk ikollhom inqas minn 30 jum, u matul dak il-perjodu ma ġie introdott l-ebda annimal porċin miżmum ieħor miż-żoni ristretti II u III, la:

(i) f'dak l-istabbiliment; u lanqas

(ii) fl-unità epidemjoloġika fejn inżammu kompletament separati l-annimali porċini li kienu se jinġarru. L-awtorità kompetenti għandha tiddetermina, wara li twettaq valutazzjoni tar-riskju, il-konfini ta' tali unità epidemjoloġika li jikkonfermaw li l-istruttura, id-daqs u d-distanza bejn unitajiet epidemjoloġiċi differenti u l-operazzjonijiet li jkunu qed jitwettqu jiżguraw faċilitajiet separati għall-akkomodazzjoni, iż-żamma u l-għalf ta' annimali porċini miżmuma sabiex il-virus tad-deni Afrikan tal-ħnieżer ma jkunx jista' jinxtered minn unità epidemjoloġika għal oħra;

(b) sar eżami kliniku fuq l-annimali porċini miżmuma fl-istabbiliment tad-dispaċċ, inklużi dawk l-annimali li se jinġarru jew li se jintużaw għall-ġbir ta' prodotti ġerminali, b'riżultati favorevoli dwar id-deni Afrikan tal-ħnieżer:

(i) minn veterinarju uffiċjali;

(ii) fl-aħħar 24 siegħa ta' qabel il-ħin tal-moviment tal-kunsinna ta' annimali porċini jew qabel il-ħin tal-ġbir tal-prodotti ġerminali; u

(iii) f'konformità mal-Artikolu 3(1) u (2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 u mal-punt A.1 tal-Anness I tiegħu.

(c) jekk ikun meħtieġ, skont l-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti, ikunu saru testijiet għall-identifikazzjoni tal-patoġeni qabel id-data tal-moviment tal-kunsinna mill-istabbiliment tad-dispaċċ jew qabel id-data tal-ġbir tal-prodotti ġerminali:

(i) wara l-eżami kliniku msemmi fil-punt (b) għall-annimali porċini miżmuma fl-istabbiliment, inkluż dawk l-annimali li se jinġarru jew li se jintużaw għall-ġbir ta' prodotti ġerminali; u

(ii) skont il-punt A.2 tal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687.

▼B

2. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandha tikseb, fejn rilevanti, riżultati negattivi tat-testijiet ta' identifikazzjoni tal-patoġeni msemmija fil-punt (1)(c) qabel ma tawtorizza l-moviment tal-kunsinna.

3. L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru kkonċernat tista' tiddeċiedi li, fil-każ ta' movimenti ta' kunsinni ta' annimali porċini miżmuma minn stabbilimenti ta' dispaċċ li jinsabu f'żoni ristretti I u II barra minn dawk iż-żoni għal stabbilimenti li jinsabu fl-istess Stat Membru kkonċernat, l-eżami kliniku msemmi fil-paragrafu (1)(b):

(a) għandu jitwettaq biss għall-annimali li se jinġarru; jew

(b) ma hemmx għalfejn isir, sakemm:

(i) l-istabbiliment tad-dispaċċ tkun saritlu żjara minn veterinarju uffiċjali bi frekwenza msemmija fl-Artikolu 16(a)(i) u b'riżultat favorevoli taż-żjarat kollha minn veterinarju uffiċjali matul perjodu ta' mill-inqas tnax-il xahar qabel id-data tal-moviment, li tindika li:

— ir-rekwiżiti tal-bijosigurtà msemmija fl-Artikolu 16(b) ġew implimentati fl-istabbiliment tad-dispaċċ;

— ikun sar eżami kliniku b'riżultati favorevoli dwar id-deni Afrikan tal-ħnieżer minn veterinarju uffiċjali matul dawk iż-żjarat fuq l-annimali porċini miżmuma fl-istabbiliment tad-dispaċċ skont l-Artikolu 3(1) u (2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 u l-punt A.1 tal-Anness I tiegħu;

(ii) is-sorveljanza kontinwa msemmija fl-Artikolu 16(c) ilha fis-seħħ fl-istabbiliment tad-dispaċċ għal perjodu ta' mill-inqas tnax-il xahar qabel id-data tal-moviment.

Artikolu 16

Kundizzjonijiet ġenerali addizzjonali relatati ma' stabbilimenti ta' annimali porċini miżmuma li jinsabu fiż-żoni ristretti I, II u III

1. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandha tawtorizza biss movimenti ta' annimali porċini miżmuma fi stabbilimenti li jinsabu fiż-żoni ristretti I, II u III barra minn dawk iż-żoni fil-każijiet koperti mill-Artikoli 22 sa 25 u 28 sa 30 u skont il-kundizzjonijiet speċifiċi previsti f'dawk l-Artikoli sakemm:

(a) l-istabbiliment tad-dispaċċ ikun saritlu żjara minn veterinarju uffiċjali mill-inqas darba wara l-elenkar taż-żoni ristretti I, II u III fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, jew waqt l-aħħar tliet xhur qabel il-ġarr tal-annimali, u huwa soġġett għal żjarat regolari minn veterinarji uffiċjali kif previst fl-Artikolu 26(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 kif ġej:

(i) fiż-żoni ristretti I u II: mill-inqas darbtejn fis-sena, b'intervall ta' mill-inqas erba' xhur bejn dawn iż-żjarat;

▼B

(ii) fiż-żona ristretta III: mill-anqas darba kull tliet xhur.

L-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li twettaq żjarat fl-istabbiliment fiż-żona ristretta III bi frekwenza msemmija fil-paragrafu (a)(i) abbażi ta' eżitu favorevoli tal-aħħar żjara wara l-elenkar taż-żoni ristretti I, II u III fl-Anness I ta' dan ir-Regolament jew waqt l-aħħar tliet xhur qabel il-ġarr tal-annimali, li jindikaw li r-rekwiżiti ta' bijosigurtà msemmija fil-paragrafu (b) huma implimentati u s-sorveljanza kontinwa msemmija fil-paragrafu (c) tkun fis-seħħ f'dak l-istabbiliment.

(b) l-istabbiliment tad-dispaċċ jimplimenta r-rekwiżiti ta' bijosigurtà għad-deni Afrikan tal-ħnieżer:

(i) skont il-miżuri msaħħa ta' bijosigurtà stabbiliti fl-Anness II; u

(ii) kif stabbilit mill-Istat Membru kkonċernat;

(c) is-sorveljanza kontinwata permezz ta' ttestjar b'testijiet ta' identifikazzjoni tal-patoġeni għad-deni Afrikan tal-ħnieżer issir fl-istabbiliment tad-dispaċċ:

(i) f'konformità mal-Artikolu 3(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 u l-Anness I tiegħu;

(ii) b'riżultati negattivi kull ġimgħa fuq mill-inqas l-ewwel żewġ annimali porċini miżmuma mejtin li għandhom aktar minn 60 jum jew, fin-nuqqas ta' annimali mejtin bħal dawn li għandhom aktar minn 60 jum, fuq kwalunkwe annimal porċin miżmum mejjet wara l-ftim, f'kull unità epidemjoloġika;

(iii) mill-inqas matul il-perjodu ta' monitoraġġ għad-deni Afrikan tal-ħnieżer stabbilit fl-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 qabel il-moviment tal-kunsinna mill-istabbiliment tad-dispaċċ.

2. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat tista' tiddeċiedi li d-delimitazzjoni reżistenti għall-bhejjem prevista fil-punt (2)(h) tal-Anness II imsemmi fil-paragrafu (1)(b)(i) ta' dan l-Artikolu ma għandhiex tkun meħtieġa għal stabbilimenti ta' annimali porċini miżmuma għal perjodu ta' tliet xhur wara konferma tal-ewwel tifqigħa tad-deni Afrikan tal-ħnieżer f'dak l-Istat Membru sakemm:

(a) l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tkun ivvalutat ir-riskji li jirriżultaw minn tali deċiżjoni u dik il-valutazzjoni tindika li r-riskju tat-tixrid tad-deni Afrikan tal-ħnieżer huwa negliġibbli;

(b) ikun hemm sistema alternattiva fis-seħħ li tiżgura li l-annimali porċini miżmuma fi stabbilimenti jkunu separati minn annimali porċini selvaġġi fi Stati Membri fejn il-popolazzjoni ta' annimali porċini selvaġġi tkun preżenti;

(c) l-annimali porċini miżmuma minn dawk l-istabbilimenti ma jiġux imċaqalqa lejn Stati Membri oħra.

▼B

Artikolu 17

Kundizzjonijiet ġenerali addizzjonali relatati mal-mezzi tat-trasport użati għat-trasport ta' annimali porċini miżmuma fiż-żoni ristretti I, II u III barra minn dawk iż-żoni

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandha tawtorizza biss movimenti ta' kunsinni ta' annimali porċini miżmuma fiż-żoni ristretti I, II u III barra minn dawk iż-żoni jekk il-mezzi tat-trasport użati għat-trasport ta' dawk il-kunsinni:

(a) jikkonformaw mar-rekwiżiti applikabbli msemmija fl-Artikolu 24(1) tar-Regolament (UE) 2020/687; u

(b) jitnaddfu u jiġu diżinfettati skont l-Artikolu 24(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 taħt il-kontroll jew is-superviżjoni tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat.

TAQSIMA 3

obbligi fuq l-operaturi fir-rigward taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali

Artikolu 18

L-obbligi tal-operaturi fir-rigward taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti ta' kunsinni ta' annimali porċini miżmuma fiż-żoni ristretti I, II u III barra minn dawk iż-żoni

L-operaturi għandhom iċaqilqu biss kunsinni ta' annimali porċini miżmuma fiż-żoni ristretti I, II u III barra minn dawk iż-żoni fi ħdan l-Istat Membru kkonċernat jew lejn Stat Membru ieħor f'każijiet koperti mill-Artikoli 22 sa 25 u 28 sa 30 jekk dawk il-kunsinni jkunu akkumpanjati b'ċertifikat tas-saħħa tal-annimali kif previst fl-Artikolu 143(1) tar-Regolament (UE) 2016/429 li jkun fih mill-inqas waħda mill-attestazzjonijiet ta' konformità li ġejjin mar-rekwiżiti previsti f'dan ir-Regolament:

(a) "Annimali porċini miżmuma fiż-żona ristretta I f'konformità mal-miżuri ta' kontroll speċjali relatati mad-deni Afrikan tal-ħnieżer stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/605.";

(b) "Annimali porċini miżmuma fiż-żona ristretta II f'konformità mal-miżuri ta' kontroll speċjali relatati mad-deni Afrikan tal-ħnieżer stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/605.";

(c) "Annimali porċini miżmuma fiż-żona ristretta III f'konformità mal-miżuri ta' kontroll speċjali relatati mad-deni Afrikan tal-ħnieżer stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/605.";

Madankollu, fil-każ ta' movimenti fl-istess Stat Membru kkonċernat, l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li ċertifikat tas-saħħa tal-annimali ma għandux għalfejn jinħareġ kif imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 143(2) tar-Regolament (UE) 2016/429.

▼B

Artikolu 19

L-obbligi tal-operaturi fir-rigward taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti ta' kunsinni ta' laħam frisk u prodotti tal-laħam, inkluż il-ġlud, miksuba minn annimali porċini miż-żoni ristretti I, II u III

1. L-operaturi għandhom iġorru biss kunsinni ta' laħam frisk u ta' prodotti tal-laħam, inkluż il-ġlud, miksuba minn annimali porċini miżmuma f'żoni ristretti I u II barra minn dawk iż-żoni fl-istess Stat Membru kkonċernat jew lejn Stat Membru ieħor f'każijiet koperti mill-Artikoli 38 u 39, jekk dawk il-kunsinni jkunu akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa tal-annimali kif previst fl-Artikolu 167(1) tar-Regolament (UE) 2016/429 li jkun fih:

(a) l-informazzjoni meħtieġa f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/2154; u

(b) mill-inqas waħda mill-attestazzjonijiet ta' konformità li ġejjin mar-rekwiżiti previsti f'dan ir-Regolament:

(i) "Laħam frisk u prodotti tal-laħam, inkluż il-ġlud, miksuba minn annimali porċini miżmuma fiż-żona ristretta I f'konformità mal-miżuri ta' kontroll speċjali relatati mad-deni Afrikan tal-ħnieżer stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/605.";

(ii) "Laħam frisk u prodotti tal-laħam, inkluż il-ġlud, miksuba minn annimali porċini miżmuma fiż-żona ristretta II f'konformità mal-miżuri ta' kontroll speċjali relatati mad-deni Afrikan tal-ħnieżer stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/605."

2. L-operaturi għandhom iċaqilqu biss kunsinni ta' prodotti tal-laħam ipproċessati, inkluż ġlud, miksuba minn annimali porċini miżmuma f'żoni ristretti I, II u III barra minn dawk iż-żoni fl-istess Stat Membru kkonċernat jew lejn Stat Membru ieħor sakemm:

(a) il-prodotti ta' oriġini mill-annimali għaddew mit-trattament rilevanti ta' mitigazzjoni tar-riskju stabbilit fl-Anness VII tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687;

(b) dawk il-kunsinni jkunu akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa tal-annimali kif previst fl-Artikolu 167(1) tar-Regolament (UE) 2016/429 li jkun fih:

(i) l-informazzjoni meħtieġa f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/2154; u

(ii) l-attestazzjoni li ġejja ta' konformità mar-rekwiżiti previsti f'dan ir-Regolament:

"Prodotti tal-laħam ipproċessati, inkluż ġlud, miksuba minn annimali porċini miżmuma fiż-żoni ristretti I, II u III f'konformità mal-miżuri ta' kontroll speċjali relatati mad-deni Afrikan tal-ħnieżer stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/605."

▼B

3. L-operaturi għandhom iġorru biss kunsinni ta' laħam frisk u prodotti tal-laħam, inkluż il-ġlud, miksuba minn annimali porċini miżmuma f'żoni barra miż-żoni ristretti I, II u III u mbiċċra f'biċċeriji li jinsabu fiż-żoni ristretti I, II u III barra minn dawk iż-żoni fl-istess Stat Membru kkonċernat jew fi Stat Membru ieħor, jekk dawk il-kunsinni jkunu akkumpanjati minn:

(a) ċertifikat tas-saħħa tal-annimali kif previst fl-Artikolu 167(1) tar-Regolament (UE) 2016/429 li jkun fih l-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/2154; u

(b) l-attestazzjoni li ġejja ta' konformità mar-rekwiżiti previsti f'dan ir-Regolament:

"Laħam frisk u prodotti tal-laħam, inklużi ġlud, miksuba minn annimali porċini miżmuma f'żoni barra miż-żoni ristretti I, II u III u mbiċċra fiż-żoni ristretti I, II u III f'konformità mal-miżuri ta' kontroll speċjali relatati mad-deni Afrikan tal-ħnieżer stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/605."

▼M4

4. L-operaturi għandhom iċaqalqu biss kunsinni ta' prodotti tal-laħam, inklużi ġlud, miksuba minn annimali porċini miżmuma f'żoni barra miż-żoni ristretti I, II u III u pproċessati fiż-żoni ristretti I, II u III barra minn dawk iż-żoni fl-istess Stat Membru kkonċernat jew lejn Stat Membru ieħor jekk dawk il-kunsinni jkunu akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa tal-annimali kif previst fl-Artikolu 167(1) tar-Regolament (UE) 2016/429 li jkun fih:

(a) l-informazzjoni meħtieġa f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/2154; kif ukoll

(b) l-attestazzjoni li ġejja ta' konformità mar-rekwiżiti previsti f'dan ir-Regolament:

"Prodotti tal-laħam, inkluż ġlud, miksuba minn annimali porċini miżmuma f'żoni barra miż-żoni ristretti I, II u III u pproċessati f'żoni ristretti I, II u III f'konformità mal-miżuri ta' kontroll speċjali relatati mad-deni Afrikan tal-ħnieżer stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/605.";

▼B

5. Fil-każijiet ta' movimenti ta' kunsinni msemmija fil-paragrafi 1, 2, 3 u 4 fl-istess Stat Membru kkonċernat, l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li ċertifikat tas-saħħa tal-annimali ma għandux għalfejn jinħareġ kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 167(1) tar-Regolament (UE) 2016/429.

▼B

6. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat tista' tiddeċiedi li marka tas-saħħa jew, fejn rilevanti, marka ta' identifikazzjoni prevista fil-punt (b) tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 applikata fuq il-laħam frisk jew ipproċessat, fuq il-prodotti tal-laħam, inkluż il-ġlud, fi stabbilimenti maħtura skont l-Artikolu 41(1) ta' dan ir-Regolament jew fi stabbilimenti li jittrattaw il-laħam frisk jew ipproċessat, il-prodotti tal-laħam, inkuż il-ġlud, miksuba minn annimali porċini miżmuma fiż-żona ristretta I jew f'żoni barra ż-żoni ristretti I, II u III, tista' tissostitwixxi ċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti tal-kunsinni li ġejjin:

(a) ta' laħam frisk u tal-prodotti tal-laħam, inkluż il-ġlud, miksuba minn annimali porċini miżmuma f'żoni ristretti I u II barra minn dawk iż-żoni fl-istess Stat Membru kkonċernat jew lejn Stat Membru ieħor, kif stabbilit fil-paragrafu 1;

(b) ta' prodotti tal-laħam ipproċessati, inkluż il-ġlud, miksuba minn annimali porċini miżmuma f'żoni ristretti I u II barra minn dawk iż-żoni fl-istess Stat Membru kkonċernat jew lejn Stat Membru ieħor, kif stabbilit fil-paragrafu 2;

(c) ta' laħam frisk u tal-prodotti tal-laħam, inkluż il-ġlud, miksuba minn annimali porċini miżmuma f'żoni barra miż-żoni ristretti I, II u III u mbiċċra f'biċċeriji li jinsabu fiż-żoni ristretti I, II u III barra minn dawk iż-żoni fl-istess Stat Membru kkonċernat jew lejn Stat Membru ieħor, kif stabbilit fil-paragrafu 3;

(d) il-prodotti tal-laħam ipproċessati, inkluż il-ġlud, miksuba minn annimali porċini miżmuma f'żoni barra miż-żoni ristretti I, II u III u pproċessati f'żoni ristretti I, II u III barra minn dawk iż-żoni fl-istess Stat Membru kkonċernat jew fi Stat Membru ieħor, kif stabbilit fil-paragrafu 4.

Artikolu 20

L-obbligi tal-operaturi fir-rigward taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti ta' kunsinni ta' prodotti ġerminali miksuba minn annimali porċini miżmuma fi stabbilimenti li jinsabu fiż-żoni ristretti II u III barra dawk iż-żoni

L-operaturi għandhom iċaqilqu biss kunsinni ta' prodotti ġerminali miksuba minn annimali porċini miżmuma fiż-żoni ristretti II u III barra minn dawk iż-żoni fl-istess Stat Membru kkonċernat jew lejn Stat Membru ieħor f'każijiet koperti mill-Artikoli 31 u 32, jekk dawk il-kunsinni jkunu akkumpanjati b'ċertifikat tas-saħħa tal-annimali kif previst fl-Artikolu 161(1) tar-Regolament (UE) 2016/429 li jkun fih mill-inqas waħda mill-attestazzjonijiet ta' konformità li ġejjin mar-rekwiżiti previsti f'dan ir-Regolament:

(a) "Prodotti ġerminali miksuba minn annimali porċini miżmuma fiż-żona ristretta II f'konformità mal-miżuri ta' kontroll speċjali relatati mad-deni Afrikan tal-ħnieżer stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/605.";

▼B

(b) “Prodotti ġerminali miksuba minn annimali porċini miżmuma fiż-żona ristretta III f’konformità mal-miżuri ta’ kontroll speċjali relatati mad-deni Afrikan tal-ħnieżer stabbiliti fir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/605.”.

Madankollu, fil-każ ta’ movimenti fl-istess Stat Membru kkonċernat, l-awtorità kompetenti tista’ tiddeċiedi li ċertifikat tas-saħħa tal-annimali ma għandux għalfejn jinħareġ kif imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 161(2) tar-Regolament (UE) 2016/429.

Artikolu 21

L-obbligi tal-operaturi fir-rigward taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti ’l barra miż żoni ristretti II u III ta’ kunsinni ta’ materjali tal-Kategoriji 2 u 3 miksuba minn annimali porċini miżmuma f’dawk iż-żoni

L-operaturi għandhom iġorru biss kunsinni ta’ materjali tal-Kategoriji 2 u 3 miksuba minn annimali porċini miżmuma fiż-żoni ristretti II u III barra minn dawk iż-żoni fl-istess Stat Membru kkonċernat jew lejn Stat Membru ieħor f’każijiet koperti mill-Artikoli 33 sa 37, jekk dawk il-kunsinni jkunu akkumpanjati minn:

(a) id-dokument kummerċjali msemmi fil-Kapitolu III tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) Nru 142/2011; u

(b) ċertifikat tas-saħħa tal-annimali msemmi fl-Artikolu 22(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687;

Madankollu, fil-każ ta’ movimenti fl-istess Stat Membru kkonċernat, l-awtorità kompetenti tista’ tiddeċiedi li ċertifikat tas-saħħa tal-annimali ma għandux jinħareġ kif imsemmi fl-Artikolu 22(6) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687.

Taqsima 4

Kundizzjonijiet speċifiċi għal derogi li jawtorizzaw il-movimenti ta’ kunsinni ta’ annimali porċini miżmuma fiż-żona ristretta I barra minn dik iż-żona

Artikolu 22

Kundizzjonijiet speċifiċi għal derogi li jawtorizzaw il-movimenti ta’ kunsinni ta’ annimali porċini miżmuma fiż-żona ristretta I barra minn dik iż-żona

1. B’deroga mill-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 9(1), l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat tista’ tawtorizza movimenti ta’ kunsinni ta’ annimali porċini miżmuma fiż-żona ristretta I barra dik iż-żona għal:

(a) stabbiliment li jinsab fit-territorju tal-istess Stat Membru kkonċernat:

(i) f’żona ristretta I oħra;

(ii) fiż-żoni ristretti II u III;

(iii) barra miż-żoni ristretti I, II u III;

▼B

(b) stabbiliment li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru ieħor;

(c) pajjiżi terzi.

2. L-awtorità kompetenti għandha tagħti biss l-awtorizzazzjonijiet previsti fil-paragrafu 1 soġġetti għall-konformità ma':

(a) il-kundizzjonijiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 28(2) sa (7) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687;

(b) il-kundizzjonijiet ġenerali addizzjonali stabbiliti fl-Artikolu 14(2) u fl-Artikoli 15(1)(b)(c), (2) u (3), u fl-Artikoli 16 u 17.

TAQSIMA 5

Kundizzjonijiet speċifiċi għal derogi li jawtorizzaw il-movimenti ta' kunsinni ta' annimali porċini miżmuma fiż-żona ristretta II barra dik iż-żona

Artikolu 23

Kundizzjonijiet speċifiċi għal derogi li jawtorizzaw il-movimenti ta' kunsinni ta' annimali porċini miżmuma fiż-żona ristretta II barra dik iż-żona ġewwa t-territorju tal-istess Stat Membru kkonċernat

1. B'deroga mill-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 9, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat tista' tawtorizza movimenti ta' kunsinni ta' annimali porċini miżmuma fiż-żona ristretta II barra dik iż-żona għal stabbiliment li jinsab fit-territorju tal-istess Stat Membru kkonċernat:

(a) f'żona ristretta II oħra;

(b) fiż-żoni ristretti I u III;

(c) barra miż-żoni ristretti I, II u III.

2. L-awtorità kompetenti għandha tagħti biss l-awtorizzazzjonijiet previsti fil-paragrafu 1 soġġetti għall-konformità ma':

(a) il-kundizzjonijiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 28(2) sa (7) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687;

(b) il-kundizzjonijiet ġenerali addizzjonali stabbiliti fl-Artikolu 14(2) u l-Artikoli 15, 16 u 17.

3. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandha tiżgura li l-annimali porċini soġġetti għal moviment awtorizzat imsemmi fil-paragrafu 1 jibqgħu fl-istabbiliment tad-destinazzjoni għal mill-inqas il-perjodu ta' monitoraġġ għad-deni Afrikan tal-ħnieżer stabbilit fl-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687.

▼B

Artikolu 24

Kundizzjonijiet speċifiċi għal derogi li jawtorizzaw il-movimenti ta' kunsinni ta' annimali porċini miżmuma fiż-żona ristretta II barra dik iż-żona lejn biċċerija li tinsab fit-territorju tal-istess Stat Membru kkonċernat għall-iskop ta' tbiċċir immedjat

1. B'deroga mill-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 9, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat tista' tawtorizza movimenti ta' kunsinni ta' annimali porċini miżmuma fiż-żona ristretta II barra dik iż-żona lejn biċċerija li tinsab fit-territorju tal-istess Stat Membru kkonċernat, sakemm:

(a) l-annimali porċini miżmuma jinġarru għall-finijiet ta' qatla immedjata;

(b) il-biċċerija tad-destinazzjoni hija maħtura skont l-Artikolu 41(1).

2. L-awtorità kompetenti għandha tagħti biss l-awtorizzazzjonijiet previsti fil-paragrafu 1 soġġetti għall-konformità ma':

(a) il-kundizzjonijiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 28(2) sa (7) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687;

(b) il-kundizzjonijiet ġenerali addizzjonali stabbiliti fl-Artikolu 14(2), l-Artikolu 15(1)(b)(c), (2) u (3), u l-Artikoli 16 u 17.

Artikolu 25

Kundizzjonijiet speċifiċi għal derogi li jawtorizzaw il-movimenti ta' kunsinni ta' annimali porċini miżmuma fiż-żona ristretta II barra dik iż-żona lejn iż-żoni ristretti II jew III fi Stat Membru ieħor

1. B'deroga mill-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 9, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat tista' tawtorizza movimenti ta' kunsinni ta' annimali porċini miżmuma fiż-żona ristretta II barra dik iż-żona għal stabbiliment li jinsab fiż-żona ristretta II jew III fi Stat Membru ieħor.

2. L-awtorità kompetenti għandha tagħti biss l-awtorizzazzjonijiet previsti fil-paragrafu 1 diment li:

(a) il-kundizzjonijiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 28(2) sa (7) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 huma ssodisfati;

(b) il-kundizzjonijiet ġenerali addizzjonali stabbiliti fl-Artikolu 14(2) u l-Artikoli 15, 16 u 17 jiġu ssodisfati;

(c) tkun ġiet stabbilita proċedura ta' direzzjonar skont l-Artikolu 26;

(d) l-annimali porċini miżmuma jikkonformaw ma' kwalunkwe garanzija xierqa addizzjonali oħra relatata mad-deni Afrikan tal-ħnieżer abbażi ta' riżultat pożittiv ta' valutazzjoni tar-riskju tal-miżuri kontra t-tixrid ta' dik il-marda:

▼B

(i) meħtieġa mill-awtorità kompetenti tal-istabbiliment tad-dispaċċ;

(ii) approvati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-passaġġ u tal-istabbiliment tad-destinazzjoni, qabel il-moviment tal-annimali porċini miżmuma;

(e) ma ġiet ikkonfermata l-ebda tifqigħa tad-deni Afrikan tal-ħnieżer f'annimali porċini miżmuma skont l-Artikolu 11 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 matul perjodu ta' mill-inqas tnax-il xahar fl-istabbiliment tad-dispaċċ;

(f) l-operatur innotifika lill-awtorità kompetenti minn qabel bl-intenzjoni li tiċċaqlaq il-kunsinna ta' annimali porċini miżmuma skont il-punt (b) tal-Artikolu 152 tar-Regolament (UE) 2016/429 u l-Artikolu 96 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688.

3. L-awtorità kompetenti tal-istabbiliment tad-dispaċċ għandha:

(a) tfassal lista ta' stabbilimenti li jikkonformaw mal-garanziji msemmija fil-paragrafu 2(d);

(b) tinforma minnufih lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn dwar il-garanziji previsti fil-paragrafu (2)(d) u dwar l-approvazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti previsti fil-paragrafu 2(d)(ii).

4. L-approvazzjoni prevista fil-paragrafu 2(d)(ii) u l-obbligu ta' informazzjoni immedjata previst fil-paragrafu 3(b) ma għandhomx ikunu meħtieġa meta l-istabbiliment tad-dispaċċ, il-postijiet ta' passaġġ u l-istabbiliment tad-destinazzjoni jkunu kollha jinsabu fiż-żoni ristretti I, II u III u dawk iż-żoni jkunu kontinwi, li b'hekk jiġi żgurat li l-annimali porċini miżmuma jitmexxew biss minn kwalunkwe waħda minn dawk iż-żoni ristretti I, II u III skont il-kundizzjonijiet speċifiċi previsti fl-Artikolu 22(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687.

Artikolu 26

Proċedura speċifika ta' direzzjonar għall-għoti ta' derogi għal movimenti ta' kunsinni ta' annimali porċini miżmuma fiż-żona ristretta II barra dik iż-żona għal żoni ristretti II jew III fi Stat Membru ieħor

1. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandha tistabbilixxi proċedura ta' kanalar kif previst fl-Artikolu 25(2)(c) għall-movimenti ta' kunsinni ta' annimali porċini miżmuma fiż-żona ristretta II barra dik iż-żona għal stabbiliment li jinsab fiż-żoni ristretti II jew III fi Stat Membru ieħor taħt il-kontroll tal-awtoritajiet kompetenti ta':

(a) l-istabbiliment tad-dispaċċ;

(b) passaġġ;

(c) l-istabbiliment tad-destinazzjoni.

▼B

2. L-awtorità kompetenti tal-istabbiliment tad-dispaċċ għandha:

(a) tiżgura li kull mezz ta' trasport użat għall-movimenti msemmija fil-paragrafu 1 ikun:

(i) individwalment akkumpanjat minn sistema ta' navigazzjoni bis-satellita biex tiddetermina, tittrażmetti u tirreġistra l-post tal-ħin reali tagħha;

(ii) issiġillat minn veterinarju uffiċjali immedjatament wara t-tagħbija tal-kunsinna ta' annimali porċini miżmuma; veterinarju uffiċjali jew awtorità tal-infurzar biss tal-Istat Membru kkonċernat, kif miftiehem mal-awtorità kompetenti, jistgħu jkissru s-siġill u jissostitwixxuh b'wieħed ġdid, fejn rilevanti.

(b) tinforma minn qabel lill-awtorità kompetenti dwar il-post tal-istabbiliment tad-destinazzjoni u, fejn rilevanti, lill-awtorità kompetenti tal-post tal-passaġġ, bl-intenzjoni li tintbagħat il-kunsinna ta' annimali porċini miżmuma;

(c) tistabbilixxi sistema li permezz tagħha l-operaturi jkunu meħtieġa jinnotifikaw minnufih lill-awtorità kompetenti tal-post tal-istabbiliment tad-dispaċċ dwar kwalunkwe aċċident jew ħsara ta' kwalunkwe mezz ta' trasport użat fit-trasport tal-kunsinna ta' annimali porċini miżmuma;

(d) tiżgura l-istabbiliment ta' pjan ta' emerġenza, il-katina ta' kmand u l-arranġamenti meħtieġa għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu 1(a), (b) u (c) fil-każ ta' aċċidenti possibbli matul it-trasport, kwalunkwe ħsara kbira jew kwalunkwe azzjoni frodulenti mill-operaturi.

Artikolu 27

Obbligi fuq l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat tal-post tal-istabbiliment tad-destinazzjonijiet għall-kunsinni ta' annimali porċini miżmuma fiż-żona ristretta II ta' Stat Membru ieħor

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat tal-post tal-istabbiliment ta' destinazzjonijiet għall-kunsinni ta' annimali porċini miżmuma fiż-żona ristretta II ta' Stat Membru ieħor għandha:

(a) tinnotifika mingħajr dewmien żejjed lill-awtorità kompetenti dwar l-istabbiliment tad-dispaċċ tal-wasla tal-kunsinna;

(b) tiżgura li l-annimali porċini miżmuma jew:

(i) jibqgħu fl-istabbiliment tad-destinazzjoni għal mill-inqas il-perjodu ta' monitoraġġ għad-deni Afrikan tal-ħnieżer stabbilit fl-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687; jew

(ii) jinġarru direttament lejn biċċerija maħtura skont l-Artikolu 41(1) ta' dan ir-Regolament.

▼B

TAQSIMA 6

Kundizzjonijiet speċifiċi għal derogi li jawtorizzaw il-movimenti ta' kunsinni ta' annimali porċini miżmuma fiż-żona ristretta III barra dik iż-żona

Artikolu 28

Kundizzjonijiet speċifiċi għal derogi li jawtorizzaw il-movimenti ta' kunsinni ta' annimali porċini miżmuma fiż-żona ristretta III barra dik iż-żona għal żona ristretta II fl-istess Stat Membru kkonċernat

1. B'deroga mill-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 9, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, fejn bħala riżultat ta' dik il-projbizzjoni jinqalgħu problemi ta' trattament xieraq tal-annimali fi stabbiliment fejn jinżammu l-annimali porċini, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat tista' tawtorizza movimenti ta' annimali porċini miżmuma fiż-żona ristretta III barra dik iż-żona għal stabbiliment li jinsab fiż-żona ristretta II fit-territorju tal-istess Stat Membru sakemm:

(a) il-kundizzjonijiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 28(2) sa (7) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 huma ssodisfati;

(b) il-kundizzjonijiet ġenerali addizzjonali stabbiliti fl-Artikolu 14(2), l-Artikoli 15, 16 u 17 jiġu ssodisfati;

(c) l-istabbiliment tad-destinazzjoni jappartjeni għall-istess katina ta' provvista u l-annimali porċini miżmuma se jinġarru biex jitlesta ċ-ċiklu tal-produzzjoni.

2. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandha tiżgura li l-annimali porċini miżmuma ma jiġux imċaqalqa mill-istabbiliment tad-destinazzjoni li jinsab fiż-żona ristretta II matul mill-inqas il-perjodu ta' monitoraġġ għad-deni Afrikan tal-ħnieżer stabbilit fl-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687.

Artikolu 29

Kundizzjonijiet speċifiċi għal derogi li jawtorizzaw il-movimenti ta' kunsinni ta' annimali porċini miżmuma fiż-żona ristretta III barra dik iż-żona għal tbiċċir immedjat fl-istess Stat Membru kkonċernat

1. B'deroga mill-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 9, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, fejn bħala riżultat tal-projbizzjoni msemmija fl-Artikolu 5(1) jinqalgħu problemi ta' trattament xieraq tal-annimali fi stabbiliment fejn jinżammu l-annimali porċini, u fil-każ ta' limitazzjonijiet loġistiċi fil-kapaċità tat-tbiċċir tal-biċċeriji li jinsabu fiż-żona ristretta III u maħtura skont l-Artikolu 41(1) jew fin-nuqqas tal-biċċerija maħtura fiż-żona ristretta III, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat tista' tawtorizza għall-iskop ta' movimenti immedjati ta' tbiċċir ta' annimali porċini miżmuma fiż-żona ristretta III barra dik iż-żona għal biċċerija maħtura skont l-Artikolu 41(1) fl-istess Stat Membru kemm jista' jkun qrib l-istabbiliment ta' dispaċċ li jinsab:

(a) f'żona ristretta II;

(b) f'żona ristretta I, fejn ma jkunx possibbli li jinqatlu l-annimali fiż-żona ristretta II;

(c) barra miż-żoni ristretti I, II u III, fejn ma jkunx possibbli li jinqatlu l-annimali fiż-żoni ristretti III, II u I.

▼B

2. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandha tagħti biss awtorizzazzjoni prevista fil-paragrafu 1 sakemm:

(a) il-kundizzjonijiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 28(2) sa (7) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 huma ssodisfati;

(b) il-kundizzjonijiet ġenerali addizzjonali stabbiliti fl-Artikolu 14(2) u l-Artikoli 15(1)(b)(c) u (2), 16 u 17 huma ssodisfati;

3. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandha tiżgura li:

(a) l-annimali porċini miżmuma jkunu maħsuba għal tbiċċir immedjat direttament lejn biċċerija maħtura skont l-Artikolu 41(1);

(b) mal-wasla fil-biċċerija maħtura, l-annimali porċini miż-żona ristretta III jinżammu separatament minn annimali porċini oħrajn u jitbiċċru jew;

(i) f'jum speċifiku meta jitbiċċru biss annimali porċini miż-żona ristretta III; jew

(ii) fl-aħħar ta' jum ta' tbiċċir u b'hekk jiġi żgurat li annimali porċini miżmuma oħrajn ma jitbiċċrux wara;

(c) wara t-tbiċċir tal-annimali porċini miż-żona ristretta III, u qabel ma jibda t-tbiċċir ta' annimali porċini miżmuma oħrajn, il-biċċerija trid tiġi mnaddfa u diżinfettata skont l-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat.

4. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandha tiżgura li:

(a) il-prodotti sekondarji tal-annimali miksuba minn annimali porċini miżmuma fiż-żona ristretta III u li jinġarru barra minn dik iż-żona jiġu pproċessati jew jintremew f'konformità mal-Artikoli 33 u 36;

(b) il-laħam frisk u l-prodotti tal-laħam, inkluż il-ġlud, miksuba minn annimali porċini miżmuma fiż-żona ristretta III u li jinġarru barra miż-żona ristretta III jiġu pproċessati u maħżuna f'konformità mal-Artikolu 40.

TAQSIMA 7

Kundizzjonijiet speċifiċi għal derogi li jawtorizzaw movimenti ta' annimali porċini miżmuma f'żoni ristretti i, ii u iii barra minn dawk iż-żoni għal impjant approvat ta' prodotti sekondarji tal-annimali

Artikolu 30

Kundizzjonijiet speċifiċi għal derogi li jawtorizzaw movimenti ta' kunsinni ta' annimali porċini miżmuma fiż-żoni ristretti I, II u III għal impjant approvat ta' prodotti sekondarji tal-annimali li jinsab barra miż-żoni ristretti I, II u III li jinsab fl-istess Stat Membru kkonċernat

1. B'deroga mill-projbizzjonijiet previsti fl-Artikolu 9, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat tista' tawtorizza l-movimenti ta' annimali porċini miżmuma fiż-żoni ristretti I, II u III għal impjant approvat ta' prodotti sekondarji tal-annimali li jinsab barra miż-żoni ristretti I, II u III li jinsabu fl-istess Stat Membru kkonċernat li fih:

▼B

(a) l-annimali porċini miżmuma jinqatlu minnufih; u

(b) il-prodotti sekondarji tal-annimali li jirriżultaw jintremew f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1069/2009.

2. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandha tagħti biss awtorizzazzjoni prevista fil-paragrafu 1 sakemm:

(a) il-kundizzjonijiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 28(2) sa (7) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 huma ssodisfati;

(b) il-kundizzjonijiet ġenerali addizzjonali stabbiliti fl-Artikoli 14(2) u 17 huma ssodisfati.

TAQSIMA 8

Kundizzjonijiet speċifiċi għall-awtorizzazzjoni ta' movimenti ta' kunsinni ta' prodotti ġerminali miksuba minn annimali porċini miżmuma fiż-żona ristretta II barra dik iż-żona

Artikolu 31

Kundizzjonijiet speċifiċi għal derogi li jawtorizzaw il-movimenti ta' kunsinni ta' prodotti ġerminali miksuba minn annimali porċini miżmuma fiż-żona ristretta II minn dik iż-żona fit-territorju tal-istess Stat Membru kkonċernat

B'deroga mill-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 10, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat tista' tawtorizza l-movimenti ta' kunsinni ta' prodotti ġerminali minn stabbiliment ta' prodotti ġerminali li jinsab fiż-żona ristretta II għal żona ristretta II oħra u għaż-żoni ristretti I u III jew għal żoni barra miż-żoni ristretti I, II u III fit-territorju tal-istess Stat Membru sakemm:

(a) il-prodotti ġerminali nġabru jew ġew prodotti, ipproċessati u maħżuna fi stabbilimenti u nkisbu minn annimali porċini miżmuma li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 15(1)(b)(c) u (2) u l-Artikolu 16;

(b) l-irġiel donaturi u n-nisa donaturi tal-annimali porċini nżammu fi stabbilimenti tal-prodotti ġerminali fejn ma ġie introdott l-ebda annimal porċin miżmum ieħor miż-żoni ristretti II u III matul perjodu ta' mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ġbir jew tal-produzzjoni ta' prodotti ġerminali.

Artikolu 32

Kundizzjonijiet speċifiċi għal derogi li jawtorizzaw il-movimenti ta' kunsinni ta' prodotti ġerminali miksuba minn annimali porċini miżmuma fiż-żona ristretta II minn dik iż-żona għaż-żoni ristretti II u III fi Stat Membru ieħor

1. B'deroga mill-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 10, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat tista' tawtorizza l-movimenti ta' kunsinni ta' prodotti ġerminali miksuba minn annimali porċini miżmuma fiż-żona ristretta II minn stabbiliment approvat tal-prodotti ġerminali li jinsab fiż-żona ristretta II għaż-żoni ristretti II u III fit-territorju ta' Stat Membru ieħor ikkonċernat sakemm:

▼B

(a) il-prodotti ġerminali jkunu nġabru jew ġew prodotti, ipproċessati u maħżuna fi stabbilimenti tal-prodotti ġerminali skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 15(1)(b)(c) u (2) u fl-Artikolu 16;

(b) l-irġiel donaturi u n-nisa donaturi tal-annimali porċini nżammu fi stabbilimenti approvati tal-prodotti ġerminali fejn ma ġie introdott fihom l-ebda annimal porċin miżmum ieħor miż-żoni ristretti II u III matul perjodu ta' mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ġbir jew tal-produzzjoni tal-prodotti ġerminali;

(c) il-kunsinni ta' prodotti ġerminali jikkonformaw ma' kwalunkwe garanzija xierqa oħra għas-saħħa tal-annimali bbażata fuq eżitu pożittiv ta' valutazzjoni tar-riskju ta' miżuri kontra t-tixrid tad-deni Afrikan tal-ħnieżer:

(i) meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti tal-istabbiliment tad-dispaċċ;

(ii) approvati mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-istabbiliment tad-destinazzjoni, qabel il-moviment tal-prodotti ġerminali.

2. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandha:

(a) tfassal lista ta' stabbilimenti approvati tal-prodotti ġerminali li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 u li huma awtorizzati għall-movimenti ta' prodotti ġerminali miż-żona ristretta II f'dak l-Istat Membru kkonċernat lejn żoni ristretti II u III fi Stat Membru kkonċernat ieħor; dik il-lista għandu jkun fiha l-informazzjoni meħtieġa li għandha tinżamm mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat dwar stabbilimenti approvati tal-prodotti ġerminali għall-annimali porċini kif stabbilit fl-Artikolu 7 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686;

(b) tagħmel il-lista prevista fil-punt (a) disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tagħha u żżommha aġġornata;

(c) tipprovdi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-ħolqa għas-sit web imsemmi fil-paragrafu (b).

TAQSIMA 9

Kundizzjonijiet speċifiċi għal derogi li jawtorizzaw il-movimenti ta' kunsinni ta' prodotti sekondarji tal-annimali miksuba minn annimali porċini miżmuma fiż-żoni ristretti II U III barra minn dawk iż-żoni

Artikolu 33

Kundizzjonijiet speċifiċi għal derogi li jawtorizzaw il-movimenti ta' kunsinni ta' prodotti sekondarji tal-annimali miksuba minn annimali porċini miżmuma fiż-żoni ristretti II U III barra minn dawk iż-żoni fl-istess Stat Membru għall-fini ta' pproċessar jew rimi

1. B'deroga mill-Artikolu 11(1), l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat tista' tawtorizza movimenti ta' kunsinni ta' prodotti sekondarji tal-annimali miksuba minn annimali porċini miżmuma

▼B

fiż-żoni ristretti II u III barra minn dawk iż-żoni għal impjant jew stabbiliment approvat mill-awtorità kompetenti għall-fini ta' pproċessar, rimi bħala skart permezz ta' inċinerazzjoni jew rimi jew irkupru permezz ta' koinċinerazzjoni ta' prodotti sekondarji tal-annimali msemmija fl-Artikolu 24(1)(a), (b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009, li jinsabu barra miż-żoni ristretti II jew III li jinsabu fl-istess Stat Membru sakemm il-mezzi tat-trasport ikunu mgħammra individwalment b'sistema ta' navigazzjoni bis-satellita biex jiddeterminaw, jittrażmettu u jirreġistraw il-post tal-ħin reali tagħhom.

2. L-operatur tat-trasport responsabbli għall-movimenti ta' prodotti sekondarji tal-annimali msemmija fil-paragrafu 1 għandu:

(a) jippermetti lill-awtorità kompetenti tikkontrolla permezz ta' sistema ta' navigazzjoni bis-satellita l-moviment f'ħin reali tal-mezzi tat-trasport;

(b) iżomm ir-rekords elettroniċi ta' dak il-moviment għal perjodu ta' mill-inqas xahrejn mid-data tal-moviment.

3. L-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li s-sistema ta' navigazzjoni bis-satellita msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi sostitwita b'siġill individwali tal-mezzi tat-trasport diment li:

(a) il-kunsinni ta' prodotti sekondarji tal-annimali miksuba minn annimali porċini miżmuma fiż-żoni ristretti II u III jitmexxew biss fl-istess Stat Membru għall-użi msemmija fil-paragrafu 1;

(b) kull mezz ta' trasport ikun issiġillat minn veterinarju uffiċjali immedjatament wara t-tagħbija tal-kunsinna ta' prodotti sekondarji tal-annimali; veterinarju uffiċjali jew awtorità tal-infurzar tal-Istat Membru biss, kif miftiehem mal-awtorità kompetenti, jistgħu jkissru s-siġill u jissostitwixxuh b'wieħed ġdid, fejn rilevanti.

Artikolu 34

Kundizzjonijiet speċifiċi għal derogi li jawtorizzaw il-movimenti ta' kunsinni ta' demel miksuba minn annimali porċini miżmuma fiż-żoni ristretti II u III barra minn dawk iż-żoni fl-istess Stat Membru

1. B'deroga mill-Artikolu 11(1), l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat tista' tawtorizza movimenti ta' kunsinni ta' demel, inkluż skart u friex użat, miksuba minn annimali porċini miżmuma fiż-żoni ristretti II u III għal miżbla li tinsab barra dawk iż-żoni fl-istess Stat Membru skont il-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 51 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687.

2. B'deroga mill-Artikolu 11(1), l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat tista' tawtorizza movimenti ta' kunsinni ta' demel, inkluż skart u friex użat, miksuba minn annimali porċini miżmuma fiż-żona ristretta II għall-ipproċessar jew ir-rimi skont ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 f'impjant approvat għal dawk l-għanijiet fit-territorju tal-istess Stat Membru.

▼B

3. L-operatur tat-trasport responsabbli għall-movimenti tal-kunsinni tad-demel, inkluż l-iskart u l-friex użat, imsemmi fil-paragrafi 1 u 2 għandu:

(a) jippermetti lill-awtorità kompetenti tikkontrolla permezz ta' sistema ta' navigazzjoni bis-satellita l-moviment f'ħin reali tal-mezzi tat-trasport;

(b) iżomm ir-rekords elettroniċi ta' dak il-moviment għal perjodu ta' mill-inqas xahrejn mid-data tal-moviment.

4. L-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li s-sistema ta' navigazzjoni bis-satellita msemmija fil-paragrafu 3(a) għandha tiġi sostitwita b'siġill individwali tal-mezzi tat-trasport sakemm kull mezz tat-trasport ikun issiġillat minn veterinarju uffiċjali immedjatament wara t-tagħbija tal-kunsinna tad-demel, inkluż l-iskart u l-friex użat, imsemmija fil-paragrafi 1 u 2.

Veterinarju uffiċjali jew awtorità tal-infurzar tal-Istat Membru biss, kif miftiehem mal-awtorità kompetenti, jistgħu jkissru s-siġill u jissostitwixxuh b'wieħed ġdid, fejn rilevanti.

Artikolu 35

Kundizzjonijiet speċifiċi għall-awtorizzazzjoni ta' movimenti ta' kunsinni ta' materjali tal-Kategorija 3 miksuba minn annimali porċini miżmuma f'żoni ristretti II barra minn dawk iż-żoni fl-istess Stat Membru għall-fini tal-ipproċessar ta' prodotti sekondarji tal-annimali msemmija fl-Artikolu 24(1)(a), (e) u (g) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009

1. B'deroga mill-Artikolu 11(1), l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat tista' tawtorizza movimenti ta' kunsinni ta' materjali tal-Kategorija 3 miksuba minn annimali porċini miżmuma fiż-żona ristretta II barra dik iż-żona għal impjant jew stabbiliment approvat mill-awtorità kompetenti għall-fini ta' pproċessar ulterjuri f'għalf ipproċessat, għall-manifattura ta' ikel ipproċessat għall-annimali domestiċi, prodotti derivati maħsuba għal użi barra mill-katina tal-għalf, jew trasformazzjoni ta' prodotti sekondarji tal-annimali f'bijogass jew kompost kif imsemmi fl-Artikolu 24(1)(a), (e) u (g) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 li jinsabu barra miż-żona ristretta II li tinsab fl-istess Stati Membri sakemm:

(a) il-kundizzjonijiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 28(2) sa (7) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 huma ssodisfati;

(b) il-kundizzjonijiet ġenerali addizzjonali stabbiliti fl-Artikoli 14(2) huma ssodisfati;

(c) il-materjali tal-Kategorija 3 joriġinaw minn annimali porċini miżmuma u minn stabbilimenti li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 15(1)(b)(c), (2) u (3) u fl-Artikolu 16;

▼B

(d) il-materjali tal-Kategorija 3 jinkisbu minn annimali porċini miżmuma fiż-żona ristretta II u jinqatlu jew:

(i) fiż-żona ristretta II tal-:

— istess Stat Membru kkonċernat; jew

— Stat Membru kkonċernat ieħor skont l-Artikolu 25;

jew

(ii) barra miż-żona ristretta II li tinsab fl-istess Stat Membru kkonċernat skont l-Artikolu 24;

(e) il-mezz tat-trasport huwa mgħammar individwalment b'sistema ta' navigazzjoni bis-satellita biex jiddetermina, jittrażmetti u jirreġistra l-post f'ħin reali tiegħu;

(f) il-kunsinni ta' materjali tal-Kategorija 3 jinġarru mill-biċċerija ddeżinjata skont l-Artikolu 41(1) direttament lejn:

(i) impjant tal-ipproċessar għall-ipproċessar ta' prodotti derivati msemmija fl-Anness X tar-Regolament (UE) Nru 142/2011;

(ii) impjant tal-ikel għall-annimali domestiċi approvat għall-produzzjoni ta' ikel għall-annimali domestiċi pproċessat imsemmi fil-punt 3(a) u (b)(i) sa (iii) tal-Kapitolu II tal-Anness XIII tar-Regolament (UE) Nru 142/2011;

(iii) impjant tal-bijogass jew tal-kompost approvat għat-trasformazzjoni ta' prodotti sekondarji tal-annimali f'kompost jew f'bijogass skont il-parametri ta' trasformazzjoni standard imsemmija fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu III tal-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 142/2011; jew

(iv) impjant tal-ipproċessar għall-ipproċessar ta' prodotti derivati msemmija fl-Anness XIII tar-Regolament (UE) Nru 142/2011.

2. L-operatur tat-trasport responsabbli għall-movimenti ta' kunsinni ta' materjali tal-Kategorija 3 għandu:

(a) jippermetti lill-awtorità kompetenti tikkontrolla permezz ta' sistema ta' navigazzjoni bis-satellita l-moviment f'ħin reali tal-mezzi tat-trasport;

(b) iżomm ir-rekords elettroniċi ta' dak il-moviment għal perjodu ta' mill-inqas xahrejn mid-data tal-moviment.

3. L-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li s-sistema ta' navigazzjoni bis-satellita msemmija fil-paragrafu 1(e) għandha tiġi sostitwita b'siġill individwali tal-mezzi tat-trasport sakemm:

▼B

(a) il-materjali tal-Kategorija 3 huma:

(i) miksuba minn annimali porċini miżmuma fiż-żoni ristretti II;

(ii) jingarru biss fi ħdan l-istess Stat Membru għall-użi msemmija fil-paragrafu 1;

(b) kull mezz ta' trasport ikun issiġillat minn veterinarju uffiċjali immedjatament wara t-tagħbija tal-kunsinna ta' materjali tal-Kategorija 3; veterinarju uffiċjali jew awtorità tal-infurzar tal-Istat Membru biss, kif miftiehem mal-awtorità kompetenti, jistgħu jkissru s-siġill u jissostitwixxuh b'wieħed ġdid, fejn rilevanti.

Artikolu 36

Kundizzjonijiet speċifiċi għal derogi li jawtorizzaw il-movimenti ta' kunsinni tal-Kategorija 2 materjali miksuba minn annimali porċini miżmuma f'żoni ristretti II u III barra minn dawk iż-żoni għall-fini tal-ipproċessar u r-rimi fi Stati Membri oħra

1. B'deroga mill-Artikolu 11(1), l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat tista' tawtorizza movimenti ta' kunsinni ta' prodotti sekondarji tal-annimali ta' materjali tal-Kategorija 2 miksuba minn annimali porċini miżmuma fiż-żoni ristretti II u III għal impjant tal-ipproċessar li għandhom jiġu pproċessati bil-metodi 1 sa 5, kif stabbilit fil-Kapitolu III tal-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 142/2011, jew għal impjant ta' inċinerazzjoni jew ta' koinċinerazzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 24(1)(a), (b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009, li jinsab fi Stati Membri oħra, sakemm:

(a) il-kundizzjonijiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 28(2) sa (7) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 huma ssodisfati;

(b) il-kundizzjonijiet ġenerali addizzjonali stabbiliti fl-Artikoli 14(2) huma ssodisfati;

(c) il-mezz tat-trasport huwa mgħammar individwalment b'sistema ta' navigazzjoni bis-satellita biex jiddetermina, jittrażmetti u jirreġistra l-post f'ħin reali tiegħu;

2. L-operatur tat-trasport responsabbli għall-movimenti ta' kunsinni ta' materjali tal-Kategorija 2 għandu:

(a) jippermetti lill-awtorità kompetenti tikkontrolla permezz ta' sistema ta' navigazzjoni bis-satellita l-moviment f'ħin reali tal-mezzi tat-trasport; u

(b) iżomm ir-rekords elettroniċi ta' dak il-moviment għal perjodu ta' mill-inqas xahrejn mid-data tal-moviment.

3. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tad-dispaċċ u tad-destinazzjoni tal-kunsinna ta' materjali tal-Kategorija 2 għandhom jiżguraw il-kontrolli ta' dik il-kunsinna skont l-Artikolu 48(1) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009.

▼B

Artikolu 37

Kundizzjonijiet speċifiċi għal derogi li jawtorizzaw il-movimenti ta' kunsinni ta' materjali tal-Kategorija 3 miksuba minn annimali porċini miżmuma f'żona ristretta II barra minn dik iż-żona għal aktar ipproċessar jew trasformazzjoni fi Stati Membri oħrajn

1. B'deroga mill-Artikolu 11(1), l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat tista' tawtorizza movimenti ta' kunsinni ta' materjali tal-Kategorija 3 miksuba minn annimali porċini miżmuma fiż-żona ristretta II barra dik iż-żona għal impjant jew stabbiliment approvat mill-awtorità kompetenti għall-ipproċessar ta' materjali tal-Kategorija 3 f'għalf ipproċessat, ikel ipproċessat għall-annimali domestiċi, prodotti derivati maħsuba għal użi barra mill-katina tal-għalf, jew it-trasformazzjoni ta' materjali tal-Kategorija 3 f'bijogass jew kompost kif imsemmi fl-Artikolu 24(1)(a), (e) u (g) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009, li jinsabu fi Stati Membri oħrajn, sakemm:

(a) il-kundizzjonijiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 28(2) sa (7) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 huma ssodisfati;

(b) il-kundizzjonijiet ġenerali addizzjonali stabbiliti fl-Artikolu 14(2) huma ssodisfati;

(c) il-materjali tal-Kategorija 3 joriġinaw minn annimali porċini miżmuma u stabbilimenti li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet ġenerali stabbiliti fl-Artikoli 15(1)(b)(c), (2) u (3), u l-Artikolu 16;

(d) il-materjali tal-Kategorija 3 jinkisbu minn annimali porċini miżmuma fiż-żona ristretta II u jinqatlu jew:

(i) fiż-żona ristretta II tal-:

— istess Stat Membru kkonċernat; jew

— Stat Membru kkonċernat ieħor skont l-Artikolu 25;

jew

(ii) barra miż-żona ristretta II li tinsab fl-istess Stat Membru kkonċernat skont l-Artikolu 24;

(e) il-mezz tat-trasport huwa mgħammar individwalment b'sistema ta' navigazzjoni bis-satellita biex jiddetermina, jittraċċetti u jirreġistra l-post f'ħin reali tiegħu;

(f) il-prodotti sekondarji tal-annimali jinġarru direttament mill-biċċerija maħtura skont l-Artikolu 41(1) għal:

(i) impjant tal-ipproċessar għall-ipproċessar ta' prodotti derivati msemmija fl-Annessi X u XIII tar-Regolament (UE) Nru 142/2011;

(ii) impjant tal-ikel għall-annimali domestiċi approvat għall-produzzjoni ta' ikel għall-annimali domestiċi pproċessat imsemmi fil-punt 3(b)(i)(ii) u (iii) tal-Kapitolu II tal-Anness XIII tar-Regolament (UE) Nru 142/2011;

▼B

(iii) impjant tal-bijogass jew tal-kompost approvat għat-trasformazzjoni ta' prodotti sekondarji tal-annimali f'kompost jew f'bijogass skont il-parametri ta' trasformazzjoni standard imsemmija fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu III tal-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 142/2011.

2. L-operatur tat-trasport responsabbli għall-movimenti ta' kunsinni ta' materjali tal-Kategorija 3 għandu:

(a) jippermetti lill-awtorità kompetenti tikkontrolla permezz ta' sistema ta' navigazzjoni bis-satellita l-moviment f'ħin reali tal-mezzi tat-trasport; u

(b) iżomm ir-rekords elettroniċi tal-moviment għal perjodu ta' mill-inqas xahrejn mid-data tal-moviment.

TAQSIMA 10

Kundizzjonijiet speċifiċi għal derogi li jawtorizzaw il-movimenti ta' kunsinni ta' laħam frisk u ta' prodotti tal-laħam, inklużi l-ġlud, miksuba minn annimali porċini miżmuma fiż-żoni ristretti II u III 'il barra minn dawk iż-żoni

Artikolu 38

Kundizzjonijiet speċifiċi għall-awtorizzazzjoni ta' movimenti ta' kunsinni ta' laħam frisk u ta' prodotti tal-laħam, inklużi l-ġlud, miksuba minn annimali porċini miżmuma fiż-żona ristretta II 'il barra minn dik iż-żona fit-territorju tal-istess Stat Membru kkonċernat

1. B'deroga mill-projbizzjonijiet previsti fl-Artikolu 12, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat tista' tawtorizza movimenti ta' kunsinni ta' laħam frisk u ta' prodotti tal-laħam, inklużi l-ġlud, miksuba minn annimali porċini miżmuma fiż-żona ristretta II 'il barra minn dik iż-żona fit-territorju tal-istess Stat Membru kkonċernat, sakemm:

(a) il-kundizzjonijiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 28(2) sa (7) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 huma ssodisfati;

(b) il-laħam frisk u l-prodotti tal-laħam, inkluż il-ġlud, jinkisbu minn annimali porċini miżmuma fi stabbilimenti li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet ġenerali addizzjonali stabbiliti fl-Artikolu 14(2), fl-Artikolu 15(1)(b)(c) (2) u (3), u fl-Artikolu 16;

(c) il-laħam frisk u l-prodotti tal-laħam, inkluż il-ġlud, ġew prodotti fi stabbilimenti maħtura skont l-Artikolu 41(1).

2. B'deroga mill-projbizzjonijiet previsti fl-Artikolu 12, jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ma jiġux issodisfati, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat tista' tawtorizza l-movimenti ta' kunsinni ta' laħam frisk u ta' prodotti tal-laħam, inklużi l-ġlud, miksuba minn annimali porċini miżmuma fiż-żona ristretta II 'il barra minn dik iż-żona fit-territorju tal-istess Stat Membru kkonċernat, sakemm:

▼B

(a) il-laħam frisk u l-prodotti tal-laħam, inklużi l-ġlud, ikunu ġew prodotti fi stabbilimenti maħtura skont l-Artikolu 41(1);

(b) il-laħam frisk u l-prodotti tal-laħam, inkluż il-ġlud, jew

(i) fil-każ ta' laħam frisk biss, huma mmarkati u mċaqalqa skont il-kundizzjonijiet speċifiċi għall-awtorizzazzjoni ta' movimenti ta' laħam frisk miksub minn annimali miżmuma ta' speċijiet elenkati minn ċerti stabbilimenti stabbiliti fl-Artikolu 33(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 lejn stabbiliment tal-ipproċessar biex jgħaddi minn wieħed mit-trattamenti rilevanti għall-mitigazzjoni tar-riskju stabbiliti fl-Anness VII tiegħu;

jew

(ii) ġew immarkati skont l-Artikolu 44 b'marka tas-saħħa speċjali jew, fejn rilevanti, marka ta' identifikazzjoni li mhijiex ovali u li ma tistax tiġi konfuża mal-marka tas-saħħa jew tal-identifikazzjoni kif imsemmi fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004; u

(iii) huma maħsuba biss għall-moviment fl-istess Stat Membru kkonċernat.

Artikolu 39

Kundizzjonijiet speċifiċi għal derogi li jawtorizzaw il-movimenti ta' kunsinni ta' laħam frisk u ta' prodotti tal-laħam, inklużi l-ġlud, miksuba minn annimali porċini miżmuma fiż-żona ristretta II 'il barra minn dik iż-żona lejn Stati Membri oħrajn u lejn pajjiżi terzi

B'deroga mill-projbizzjonijiet previsti fl-Artikolu 12, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat tista' tawtorizza movimenti ta' kunsinni ta' laħam frisk u ta' prodotti tal-laħam, inklużi l-ġlud, miksuba minn annimali porċini miżmuma fiż-żona ristretta II 'il barra minn dik iż-żona lejn Stati Membri oħrajn u lejn pajjiżi terzi, sakemm:

(a) il-kundizzjonijiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 28(2) sa (7) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 huma ssodisfati;

(b) il-kundizzjonijiet ġenerali addizzjonali stabbiliti fl-Artikolu 14(2) huma ssodisfati;

(c) il-laħam frisk u l-prodotti tal-laħam, inkluż il-ġlud, jinkisbu minn annimali porċini miżmuma fi stabbilimenti li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet ġenerali stabbiliti fl-Artikoli 15 u 16;

(d) il-laħam frisk u l-prodotti tal-laħam, inkluż il-ġlud, ġew prodotti fi stabbilimenti maħtura skont l-Artikolu 41(1).

▼B

Artikolu 40

Kundizzjonijiet speċifiċi għal derogi li jawtorizzaw il-movimenti ta' kunsinni ta' laħam frisk u ta' prodotti tal-laħam, inklużi l-ġlud, miksuba minn annimali porċini miżmuma fiż-żona ristretta III lejn żoni ristretti I, II u III oħrajn jew lejn żoni barra miż-żoni ristretti I, II u III fit-territorju tal-istess Stat Membru

B'deroga mill-projbizzjonijiet previsti fl-Artikolu 12, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat tista' tawtorizza movimenti ta' kunsinni ta' laħam frisk u ta' prodotti tal-laħam, inkluż il-ġlud, miksuba minn annimali porċini miżmuma fiż-żona ristretta III lejn żoni ristretti I, II u III oħrajn jew lejn żoni barra miż-żoni ristretti I, II u III fit-territorju tal-istess Stat Membru, sakemm:

(a) il-kundizzjonijiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 28(2) sa (7) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 huma ssodisfati;

(b) il-kundizzjonijiet ġenerali addizzjonali stabbiliti fl-Artikolu 14(2) huma ssodisfati;

(c) il-laħam frisk u l-prodotti tal-laħam, inklużi l-ġlud, jinkisbu minn annimali porċini:

(i) miżmuma fi stabbilimenti li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet ġenerali stabbiliti fl-Artikoli 15 u 16; u

(ii) imbiċċra:

— fl-istess żona ristretta III; jew

— barra miż-żona ristretta III, wara l-moviment awtorizzat skont l-Artikolu 29;

(d) il-laħam frisk u l-prodotti tal-laħam, inklużi l-ġlud, ikunu ġew prodotti fi stabbilimenti maħtura skont l-Artikolu 41(1); u jew

(i) fil-każ ta' laħam frisk biss, huma mmarkati u mċaqalqa skont il-kundizzjonijiet speċifiċi għall-awtorizzazzjoni ta' movimenti ta' laħam frisk miksub minn annimali miżmuma ta' speċijiet elenkati minn ċerti stabbilimenti stabbiliti fl-Artikolu 33(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 lejn stabbiliment tal-ipproċessar biex jgħaddi minn wieħed mit-trattamenti rilevanti għall-mitigazzjoni tar-riskju stabbiliti fl-Anness VII tiegħu;

jew

(ii) ġew immarkati skont l-Artikolu 44 b'marka tas-saħħa speċjali jew, fejn rilevanti, marka ta' identifikazzjoni li mhijiex ovali u li ma tistax tiġi konfuża mal-marka tas-saħħa jew tal-identifikazzjoni kif imsemmi fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004; u

(iii) huma maħsuba biss għall-moviment fl-istess Stat Membru kkonċernat.

▼B

KAPITOLU IV

MIŻURI SPEĊJALI TA' MITIGAZZJONI TAR-RISKJU LI JIKKONĊERNAW ID-DENI AFRIKAN TAL-ĦNIEŻER GĦAN-NEGOZJI TAL-IKEL FL-ISTATI MEMBRI KKONĊERNATI

Artikolu 41

Dežinjazzjoni speċjali ta' biċċeriji, impjanti tat-tqattigħ, imħażen tal-friża, stabbilimenti tal-ipproċessar tal-laħam u stabbilimenti li jipproċessaw il-kaċċa

1. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandha, wara applikazzjoni minn operatur ta' negozju tal-ikel, taħtar stabbilimenti għall-:

(a) qtil immedjat ta' annimali porċini miżmuma miż-żoni ristretti II u III:

(i) f'dawk iż-żoni ristretti II u III;

(ii) barra minn dawk iż-żoni ristretti II u III, kif imsemmi fl-Artikoli 24 u 29;

(b) il-qtugħ, l-ipproċessar u l-ħżin tal-laħam frisk u tal-prodotti tal-laħam, inkluż il-ġlud, minn annimali porċini miżmuma fiż-żoni ristretti II u III kif imsemmi fl-Artikoli 38, 39 u 40;

(c) it-tħejjija ta' laħam tal-kaċċa kif imsemmi fil-punt 1(1.18) tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u l-ipproċessar u l-ħżin tal-laħam frisk u tal-prodotti tal-laħam minn annimali porċini selvaġġi miksuba fiż-żoni ristretti I, II u III kif previst fl-Artikoli 48 u 49 ta' dan ir-Regolament;

(d) it-tħejjija ta' laħam tal-kaċċa kif imsemmi fil-punt 1(1.18) tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u l-ipproċessar u l-ħżin tal-laħam frisk u tal-prodotti tal-laħam minn annimali porċini selvaġġi, jekk dawk l-istabbilimenti jinsabu fiż-żoni ristretti I, II u III kif previst fl-Artikoli 48 u 49 ta' dan ir-Regolament.

2. L-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li d-dežinjazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhiex tkun meħtieġa għal stabbilimenti li jipproċessaw, li jaqtgħu u li jaħżnu l-laħam frisk u l-prodotti tal-laħam, inklużi il-ġlud, miksuba minn annimali porċini miżmuma fiż-żoni ristretti II u III u minn annimali porċini selvaġġi miksuba fiż-żoni ristretti I, II u III, u stabbiliment imsemmi fil-paragrafu 1(d), sakemm:

(a) il-laħam frisk u l-prodotti tal-laħam, inkluż il-ġlud, li joriġinaw mill-porċini jiġu mmarkati b'marka tas-saħħa speċjali jew, fejn rilevanti, marka ta' identifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 44 f'dak l-istabbiliment;

(b) il-laħam frisk u l-prodotti tal-laħam, inkluż il-ġlud, li joriġinaw mill-porċini minn dawk l-istabbilimenti jkunu maħsuba biss għall-istess Stat Membru kkonċernat;

(c) prodotti sekondarji tal-annimali li joriġinaw mill-porċini minn dawk l-istabbilimenti jiġu pproċessati jew jintremew biss skont l-Artikolu 33 fl-istess Stat Membru.

▼B

3. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandha:

(a) jipprovdu lill-Kummissjoni u lil Stati Membri oħra b'ħolqa għas-sit web tal-awtorità kompetenti b'lista ta' stabbilimenti maħtura u l-attivitajiet tagħhom imsemmija fil-paragrafu 1;

(b) iżommu l-lista prevista fil-paragrafu (a) aġġornata.

Artikolu 42

Kundizzjonijiet speċjali għad-dażinjazzjoni ta' stabbilimenti għat-tbiċċir immedjat ta' annimali porċini miżmuma fiż-żona ristretta II u III

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandha taħtar biss stabbilimenti għat-tbiċċir immedjat ta' annimali porċini miżmuma fiż-żoni ristretti II u III, sakemm:

(a) it-tbiċċir ta' annimali porċini miżmuma barra miż-żoni ristretti II u III u ta' annimali porċini miżmuma fiż-żoni ristretti II u III li huma soġġetti għal movimenti awtorizzati previsti fl-Artikoli 24 u 29 u l-produzzjoni u l-ħżin ta' prodotti tagħhom jitwettqu separatament mit-tbiċċir ta' annimali porċini miżmuma fiż-żoni ristretti I, II u III u mill-produzzjoni u l-ħżin ta' prodotti tagħhom li ma jikkonformawx ma':

(i) kundizzjonijiet ġenerali addizzjonali stabbiliti fl-Artikoli 15, 16 u 17; u

(ii) kundizzjonijiet speċifiċi previsti fl-Artikoli 24 u 29;

(b) l-operatur tal-istabbiliment ikollu fis-seħħ struzzjonijiet jew proċeduri dokumentati approvati mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat biex jiżgura li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu (a) jiġu ssodisfati.

Artikolu 43

Kundizzjonijiet speċjali għad-dażinjazzjoni ta' stabbilimenti għall-qtugħ, għall-ipproċessar u għall-ħżin tal-laħam frisk u tal-prodotti tal-laħam, inkluż il-ġlud, miksuba minn annimali porċini miżmuma fiż-żoni ristretti II u III

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandha taħtar biss stabbilimenti għall-qtugħ, l-ipproċessar u l-ħżin tal-laħam frisk u tal-prodotti tal-laħam, inkluż il-ġlud, miksuba minn annimali porċini miżmuma fiż-żoni ristretti II u III soġġetti għal moviment awtorizzat previst fl-Artikoli 38, 39 u 40, sakemm:

(a) il-qtugħ, l-ipproċessar u l-ħżin tal-laħam frisk u tal-prodotti tal-laħam, inkluż il-ġlud, miksuba minn annimali porċini miżmuma barra miż-żoni ristretti II u III u minn annimali porċini miżmuma fiż-żoni ristretti II u III jitwettqu separatament minn laħam frisk u prodotti tal-laħam, inkluż il-ġlud, miksuba minn annimali porċini miżmuma fiż-żoni ristretti II u III li ma jikkonformawx ma':

▼B

(i) kundizzjonijiet ġenerali addizzjonali stabbiliti fl-Artikoli 15, 16 u 17; u

(ii) kundizzjonijiet speċifiċi previsti fl-Artikoli 38, 39 u 40;

(b) l-operatur tal-istabbiliment ikollu fis-seħħ struzzjonijiet jew proċeduri dokumentati approvati mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat biex jiżgura li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu (a) jiġu ssodisfati.

Artikolu 44

Marki speċjali tas-saħħa jew tal-identifikazzjoni

L-awtorità kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati għandha tiżgura li l-prodotti li ġejjin, ta' oriġini mill-annimali jkunu mmarkati b'marka tas-saħħa speċjali jew, fejn rilevanti, marka ta' identifikazzjoni li mhijiex ovali u li ma tistax tiġi konfuża mal-marka tas-saħħa jew mal-marka ta' identifikazzjoni prevista fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004:

(a) il-laħam frisk u l-prodotti tal-laħam, inkluż il-ġlud, miksuba minn annimali porċini miżmuma fiż-żona ristretta III, kif stabbilit fl-Artikolu 40(d)(ii);

(b) il-laħam frisk u l-prodotti tal-laħam, inkluż il-ġlud, miksuba minn annimali porċini miżmuma fiż-żona ristretta II, jekk il-kundizzjonijiet speċifiċi għall-awtorizzazzjoni tal-movimenti ta' dawk il-kunsinni barra miż-żona ristretta II previsti fl-Artikolu 38(1) ma jiġux issodisfati, kif stabbilit skont l-Artikolu 38(2)(b)(ii):

(c) il-laħam frisk u l-prodotti tal-laħam minn annimali porċini selvaġġi mċaqalqa fiż-żona ristretta I jew barra dik iż-żona mill-istabbiliment maħtur skont l-Artikolu 41(1), kif stabbilit fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 49(1)(c)(iii).

KAPITOLU V

MIŻURI SPEĊJALI TA' KONTROLL TAL-MARD APPLIKABBLI GĦALL-ANNIMALI PORĊINI SELVAĠĠI FL-ISTATI MEMBRI

Artikolu 45

Projbizzjonijiet speċifiċi fir-rigward tal-movimenti ta' annimali porċini selvaġġi

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kollha għandhom jipprojbixxu l-movimenti ta' annimali porċini selvaġġi minn operaturi kif previst fl-Artikolu 101 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/688:

(a) fit-territorju kollu tal-Istat Membru;

(b) mit-territorju kollu tal-Istat Membru lil:

(i) Stati Membri oħrajn; u

(ii) pajjiżi terzi.

▼B

Artikolu 46

Projbizzjonijiet speċifiċi fir-rigward ta' movimenti fiż-żoni ristretti I, II u III u 'l barra minn dawk iż-żoni ta' laħam frisk, ta' prodotti tal-laħam u ta' kwalunkwe prodott ieħor ta' oriġini mill-annimali, prodotti sekondarji u prodotti dderivati mill-annimali miksuba minn annimali porċini selvaġġi u l-katavri ta' annimali porċini selvaġġi, li huma maħsuba għall-konsum mill-bniedem

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati għandhom jipprojbixxu l-movimenti fiż-żoni ristretti I, II u III u 'l barra minnhom ta' kunsinni ta' laħam frisk, ta' prodotti tal-laħam u ta' kwalunkwe prodott ieħor ta' oriġini mill-annimali, ta' prodotti sekondarji u dderivati tal-annimali miksuba minn annimali porċini selvaġġi u l-katavri ta' annimali porċini selvaġġi, li huma maħsuba għall-konsum mill-bniedem.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati għandhom jipprojbixxu l-movimenti fiż-żoni ristretti I, II u III u 'l barra minn dawk iż-żoni ta' laħam frisk, ta' prodotti tal-laħam u ta' kwalunkwe prodott ieħor ta' oriġini mill-annimali, ta' prodotti sekondarji u dderivati tal-annimali miksuba minn annimali porċini selvaġġi u l-katavri ta' annimali porċini selvaġġi, li huma maħsuba għall-konsum mill-bniedem:

(a) għall-użu domestiku privat;

(b) marbuta mal-attivitajiet tal-kaċċaturi li jfornu kwantitajiet żgħar ta' kaċċa porċina selvaġġa jew laħam tal-kaċċa selvaġġa li joriġina mill-porċini direttament lill-konsumatur finali jew lil stabbilimenti lokali tal-bejgħ bl-imnut li jfornu direttament lill-konsumatur finali, kif previst fl-Artikolu 1(3)(e) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

Artikolu 47

Projbizzjonijiet ġenerali fir-rigward tal-movimenti ta' kunsinni ta' prodotti miksuba minn annimali porċini selvaġġi u tal-katavri ta' annimali porċini selvaġġi, li huma maħsuba għall-konsum mill-bniedem, b'kunsiderazzjoni tar-riskju għat-tixrid tad-deni Afrikan tal-ħnieżer

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat tista' tipprojbixxi fit-territorju tal-istess Stat Membru l-movimenti ta' laħam frisk, ta' prodotti tal-laħam u ta' kwalunkwe prodott ieħor miksub minn annimali porċini selvaġġi u l-katavri ta' annimali porċini selvaġġi, li huma maħsuba għall-konsum mill-bniedem, jekk l-awtorità kompetenti tqis li hemm riskju ta' tixrid tad-deni Afrikan tal-ħnieżer lejn, minn, jew permezz ta' dawk l-annimali porċini selvaġġi jew tal-prodotti tagħhom.

Artikolu 48

Kundizzjonijiet speċifiċi għal derogi li jawtorizzaw il-movimenti fiż-żoni ristretti I, II u III u minn dawk iż-żoni ta' kunsinni ta' prodotti tal-laħam ipproċessati miksuba minn annimali porċini selvaġġi

1. B'deroga mill-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 46(1), l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat tista' tawtorizza movimenti fiż-żoni ristretti I, II u III u minn dawk iż-żoni ta' kunsinni ta' prodotti tal-laħam ipproċessati miksuba minn annimali porċini selvaġġi minn stabbiliment li jinsab fiż-żoni ristretti I, II u III għal:

▼B

(a) żoni ristretti I, II u III oħrajn li jinsabu fl-istess Stat Membru kkonċernat;

(b) żoni barra miż-żoni ristretti I, II u III tal-istess Stat Membru kkonċernat; u

(c) lejn Stati Membri oħra u lejn pajjiżi terzi.

2. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandha tawtorizza biss movimenti ta' kunsinni ta' prodotti tal-laħam ipproċessati miksuba minn annimali porċini selvaġġi minn stabbilimenti li jinsabu fiż-żoni ristretti I, II u III msemmija fil-paragrafu 1 sakemm:

(a) ikunu saru t-testijiet ta' identifikazzjoni tal-patoġeni għad-deni Afrikan tal-ħnieżer għal kull annimal porċin selvaġġ użat għall-produzzjoni u għall-ipproċessar tal-prodotti tal-laħam fiż-żona ristretta I, II u III;

(b) l-awtorità kompetenti tkun kisbet riżultati negattivi tat-testijiet ta' identifikazzjoni tal-patoġeni għad-deni Afrikan tal-ħnieżer imsemmija fil-punt (a) qabel it-trattament imsemmi fil-punt (c)(ii);

(c) il-prodotti tal-laħam minn annimali porċini selvaġġi:

(i) ikunu ġew prodotti, ipproċessati u maħżuna fi stabbilimenti dežinjati f'konformità mal-Artikolu 41(1); u

(ii) ikunu għaddew mit-trattament rilevanti ta' mitigazzjoni tar-riskju għal prodotti ta' oriġini mill-annimali minn żoni ristretti f'konformità mal-Anness VII tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, fir-rigward tad-deni Afrikan tal-ħnieżer.

Artikolu 49

Kundizzjonijiet speċifiċi għal derogi li jawtorizzaw movimenti fiż-żoni ristretti I, II u III u 'l barra miż-żona ristretta I ta' laħam frisk, ta' prodotti tal-laħam u ta' kwalunkwe prodott ieħor ta' oriġini mill-annimali miksuba minn annimali porċini selvaġġi u l-katavri ta' annimali porċini selvaġġi, li huma maħsuba għall-konsum mill-bniedem

1. B'deroga mill-projbizzjonijiet previsti fl-Artikolu 46(1) u (2), l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat tista' tawtorizza l-movimenti fiż-żona ristretta I u 'l barra minn dik iż-żona tal-laħam frisk, ta' prodotti tal-laħam u ta' kwalunkwe prodott ieħor ta' oriġini mill-annimali miksuba minn annimali porċini selvaġġi u l-katavri ta' annimali porċini selvaġġi, li huma maħsuba għall-konsum mill-bniedem, lejn żoni ristretti I, II u III oħrajn jew lejn żoni barra miż-żoni ristretti I, II u III tal-istess Stat Membru, sakemm:

(a) ikunu saru testijiet għall-identifikazzjoni tal-patoġeni għad-deni Afrikan tal-ħnieżer għal kull annimal porċin selvaġġ rilevanti qabel il-moviment tal-laħam frisk, tal-prodotti tal-laħam u ta' kwalunkwe prodott ieħor ta' oriġini mill-annimali minn dawk l-annimali porċini selvaġġi;

▼B

(b) l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat kisbet riżultati negattivi għat-testijiet ta' identifikazzjoni tal-patoġeni għad-deni Afrikan tal-ħnieżer imsemmija fil-punt (a) qabel il-moviment;

(c) il-laħam frisk, il-prodotti tal-laħam u kwalunkwe prodott ieħor ta' oriġini mill-annimali minn annimali porċini selvaġġi u l-katavri ta' annimali porċini selvaġġi, li huma maħsuba għall-konsum mill-bniedem, jinġarru fiż-żona ristretta I jew barra minnha fl-istess Stat Membru:

(i) għall-użu domestiku privat; jew

(ii) marbuta mal-attivitajiet tal-kaċċaturi li jfornu kwantitajiet żgħar ta' kaċċa porċina selvaġġa jew laħam tal-kaċċa selvaġġa li joriġina mill-porċini direttament lill-konsumatur finali jew lil stabbilimenti lokali tal-bejgħ bl-imnut li jfornu direttament lill-konsumatur finali, kif previst fl-Artikolu 1(3)(e) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004; jew

(iii) mill-istabbiliment maħtur skont l-Artikolu 41(1) fejn il-laħam frisk u l-prodotti tal-laħam ġew immarkati jew:

— b'marka speċjali tas-saħħa jew tal-identifikazzjoni skont il-punt (c) tal-Artikolu 44;

jew

— skont l-Artikolu 33(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 u jiġu ttrasferiti għal stabbiliment tal-ipproċessar biex jgħaddu minn wieħed mit-trattamenti rilevanti għall-mitigazzjoni tar-riskju stabbiliti fl-Anness VII tiegħu.

2. B'deroga mill-projbizzjonijiet previsti fl-Artikolu 46(2), l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat tista' tawtorizza l-movimenti tal-laħam frisk, tal-prodotti tal-laħam u ta' kwalunkwe prodott ieħor ta' oriġini mill-annimali minn annimali porċini selvaġġi u l-katavri ta' annimali porċini selvaġġi, li huma maħsuba għall-konsum mill-bniedem, fiż-żoni ristretti II u III tal-istess Stat Membru, sakemm:

(a) ikunu saru testijiet ta' identifikazzjoni tal-patoġeni għad-deni Afrikan tal-ħnieżer għal kull annimal porċin selvaġġ rilevanti qabel il-moviment tal-laħam frisk, tal-prodotti tal-laħam u ta' kwalunkwe prodott ieħor ta' oriġini mill-annimali minn dak il-porċin selvaġġ jew il-ġisem ta' dak l-annimal porċin selvaġġ, li huwa maħsub għall-konsum mill-bniedem;

(b) l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat kisbet riżultati negattivi għat-testijiet ta' identifikazzjoni tal-patoġeni għad-deni Afrikan tal-ħnieżer imsemmija fil-punt (a) qabel il-moviment;

(c) il-laħam frisk, il-prodotti tal-laħam u kwalunkwe prodott ieħor ta' oriġini mill-annimali minn annimali porċini selvaġġi u katavri ta' annimali porċini selvaġġi, li huma maħsuba għall-konsum mill-bniedem, jinġarru fi ħdan iż-żoni ristretti II u III fl-istess Stat Membru għal:

▼B

(i) użu domestiku privat;

jew

(ii) skont l-Artikolu 33(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jiġu ttrasferiti għal stabbiliment tal-ipproċessar biex jgħaddu minn wieħed mit-trattamenti rilevanti ta' mitigazzjoni tar-riskju stabbiliti fl-Anness VII tiegħu.

Artikolu 50

L-obbligi tal-operaturi fir-rigward taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali għall-kunsinni ta' laħam frisk, ta' prodotti tal-laħam u kwalunkwe prodott ieħor ta' oriġini mill-annimali, miksub minn annimali porċini selvaġġi u katavri ta' annimali porċini selvaġġi, li huma maħsuba għall-konsum mill-bniedem, għal movimenti barra miż-żoni ristretti I, II u III

L-operaturi għandhom iġorru biss barra miż-żoni ristretti I, II u III il-kunsinni ta' laħam frisk, il-prodotti tal-laħam, u kwalunkwe prodott ieħor ta' oriġini mill-annimali li jinkiseb minn annimali porċini selvaġġi u katavri ta' annimali porċini selvaġġi, li huma maħsuba għall-konsum mill-bniedem:

(a) f'każijiet koperti mill-Artikoli 48 u 49; u

(b) jekk dawk il-kunsinni jkunu akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa tal-annimali kif previst fl-Artikolu 167(1) tar-Regolament (UE) 2016/429 li jkun fih:

(i) l-informazzjoni meħtieġa f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/2154; u

(ii) mill-inqas waħda mill-attestazzjonijiet ta' konformità li ġejjin mar-rekwiżiti previsti f'dan ir-Regolament:

— "laħam frisk u prodotti tal-laħam, u kwalunkwe prodott ieħor li joriġina mill-annimali, minn żona ristretta I miksuba minn annimali porċini selvaġġi f'konformità mal-miżuri ta' kontroll speċjali relatati mad-deni Afrikan tal-ħnieżer stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/605.";

— "Katavri ta' annimali porċini selvaġġi, li huma maħsuba għall-konsum mill-bniedem, minn żona ristretta I f'konformità mal-miżuri ta' kontroll speċjali relatati mad-deni Afrikan tal-ħnieżer stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/605.";

— "Prodotti tal-laħam ipproċessati minn żoni ristretti I, II u III miksuba minn annimali porċini selvaġġi f'konformità mal-miżuri speċjali ta' kontroll relatati mad-deni Afrikan tal-ħnieżer stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/605.".

Madankollu, fil-każ ta' moviment fl-istess Stat Membru kkonċernat, l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li ċertifikat tas-saħħa tal-annimali ma għandux għalfejn jinħareġ kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 167(1) tar-Regolament (UE) 2016/429.

▼B

Artikolu 51

Kundizzjonijiet speċifiċi għall-awtorizzazzjoni ta' movimenti fiż-żoni ristretti I, II u III u 'l barra minn dawk iż-żoni ta' kunsinni ta' prodotti sekondarji tal-annimali u prodotti derivati minn annimali porċini selvaġġi

1. B'deroga mill-projbizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 46, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat tista' tawtorizza movimenti fiż-żoni ristretti I, II u III u barra minn dawk iż-żoni ta' kunsinni ta' prodotti derivati miksuba minn annimali porċini selvaġġi lejn żoni ristretti I, II u III oħrajn jew għal żoni barra miż-żoni ristretti I, II u III tal-istess Stat Membru u għal Stati Membri oħrajn sakemm dawn ikunu ġew soġġetti għal trattament li jiżgura li l-prodotti derivati ma joħolqu l-ebda riskju fir-rigward tad-deni Afrikan tal-ħnieżer.

2. B'deroga mill-projbizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 46(1), l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat tista' tawtorizza movimenti fiż-żoni ristretti I, II u III u barra minn dawk iż-żoni ta' kunsinni ta' prodotti sekondarji tal-annimali minn annimali porċini selvaġġi lejn żoni ristretti I, II u III oħrajn u għal żoni barra miż-żoni ristretti I, II u III tal-istess Stat Membru sakemm:

(a) il-prodotti sekondarji tal-annimali jingħabru, jiġu ttrasportati u jintremew skont ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009;

